# KAPITOLU 88

## ORDINANZA DWAR L-AKKWIST TA' ARTIJIET GĦAL SKOPIJIET PUBBLIĊI

*Biex tirregola l-akkwist ta' artijiet għal skopijiet pubbliċi u biex tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi mħarsa dwar dan l-akkwist.*

8 ta' Ottubru, 1935

*L-ORDINANZA XL tal-1935, kif emendata bl-Ordinanzi: III u XIII tal-1936, VI tal-1937, X tal-1945, XLV tal-1946, XXXI tal-1947 u V tal-1949; bl-Att XXVII tal-1956; bl-Ordinanzi: IV tal-1961 u XI tal-1962; bl-Avviż Legali 4 tal-1963; bl-Atti: XIV u XXXI tal-1966, XXIX tal-1969, XXXIII tal-1971, LVIII tal-1974 u IV tal-1975; bl-Avviż Legali 148 tal-1975; bl-Atti: XVII tal-1979, XLIX tal-1981, XI tal-1989, VIII tal-1990, XIX tal-1993, XXIV tal-1995, VI tal-2001, XI tal-2002, III u XVII tal-2004, u I u III tal-2006; bl-Avviżi Legali 181 tal-2006 u 408 tal-2007; u bl-Att XXI tal-2009.*

**1.** It-titolu ta' din l-Ordinanza hu l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi. Titolu fil-qosor.

**2.** F'din l-Ordinanza kemm-il darba mill-kuntest ma jkunx jidher xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XIII. 1936.2; X. 1945.2; XLV. 1946.2; XXXI. 1947.2; V. 1949.2; XXVII. 1956.2; XIV. 1966.2; XLIX. 1981.6; III. 2004.151; I. 2006.2; XXI. 2009.2.* Kap. 356.

"art" tfisser ukoll bini, siġar jew kull ħaġa mwaħħla fl-art u kull parti mix-xatt, u kull servitù f'art jew fuq art u jeddijiet oħrajn ta' użu u kull xorta ta' ġust ieħor;

"awtorità kompetenti" tfisser il-Kummissarju ta' l-Art;

"bini storiku" tfisser art li:

(*a*) hija skedata skont l-artikolu 46 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp; jew

(*b*) tikkostitwixxi proprjetà kulturali għall-finijiet tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali ħlief proprjetà kulturali tat-tip imsemmija fl-artikolu 52 tal-imsemmi Att; jew Kap. 445.

(*ċ*) hija inkluża fl-elenku tal-bini, artijiet u fdalijiet li jkollhom importanza ġeoloġika, arkeoloġika, antikwarja jew artistika fl-iSkeda tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet; jew L.S. 445.01

(*d*) hija art li fuq il-parir tal-Kumitat ta' Garanzija imwaqqaf bl-artikolu 14 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, mogħti fi żmien xahrejn wara li dan ikun intalab il-parir mill-Ministru u ukoll wara li l-istess Kumitat ikun ta l-opportunità lil kull min ikollu interess fl-art li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, tkun art li jkun xieraq illi tiġi akkwistata għal skop pubbliku billi: Kap. 445.

(i) tkun ta' tali sinifikat storiku jew kulturali li jkun jixraq li tiġi hekk akkwistata biex jinżamm jew jittejjeb l-ambjent kulturali jew il-prodott turistiku ta' Malta; jew

(ii) tkun marbuta sew mal-avvenimenti ta' importanza storika li jkunu ikkontribwew għall-memorja nazzjonali jew għall-iżvilupp tal-identità storika nazzjonali;

"Bord" ifisser il-Bord ikkostitwit taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza;

Kap. 116.

"dar" ifisser l-istess bħal ma hemm fl-Ordinanza li Trażżan il-Kera fuq id-Djar;

"dominju pubbliku" jfisser id-dominju ta' art minn awtorità kompetenti li l-kwalitajiet ewlenin tiegħu huma msemmijin fl-artikolu 19(5), (6) u (7) ;

"fond belti ġdid" ifisser kull bini belti, magħdudin djar, bini fejn isir negozju, każini, lukandi u *lodging houses*, illi, mingħajr ma jingħaddu l-*fittings*, it-tibjid u ż-żebgħa, u kull tibdil, saħansitra jekk fil-bini, ma kienx mibni jew lest għall-użu fil-31 ta' Marzu, 1939;

"fond belti qadim" ifisser bini belti, magħdudin djar, u bini fejn isir negozju, każini, lukandi u *lodging houses*, illi, mingħajr ma jingħaddu l-*fittings*, tibjid u żebgħa, u kull tibdil, saħansitra jekk fil-bini, kienu mibnija jew lesti għall-użu fil-31 ta' Marzu, 1939, iżda kull tiswija ta' fond belti qadim magħmul minħabba ħsara minn egħmil il-għadu jew kontra l-għadu jew kull bini mill-ġdid ta' fond belti qadim li n-nefqa tagħhom kienet milqugħa bħala għandha titħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra* ma jbiddlux ix-xorta "qadima" tal-fond. "Dar qadima" u "ħanut qadim" għandhom jiftehmu fuq din it-tifsira;

"jedd ta' *clearance*" ifisser is-suġġezzjoni ta' art għall-kondizzjonijiet restrittivi msemmija fl-artikolu 29;

"jedd ta' taħt wiċċ l-art" ifisser li art tkun issuġġettata għall-kondizzjonijiet restrittivi dwar xogħlijiet u taħfir taħt l-art imsemmija fl-artikolu 29 ta' din l-Ordinanza;

"kera ta' akkwist" ifisser il-ħlasijiet perjodiċi li għandhom isiru taħt l-artikolu 27(14), (15) u (16);

"kera ta' għarfien" ifisser il-ħlasijiet perjodiċi mistħoqqin dwar id-dominju ta' art b'dominju pubbliku;

"kiri" ifisser ukoll il-jedd ta' okkupazzjoni jew ta' użu ta' art b'kull titolu li jkun;

"raba" jew "art raħlija" ma jfissirx il-ġnien ta' dar jew bini jew xi art oħra fil-magħluq ta' dar jew bini; u lanqas art għall-bini jew moxa; iżda jidħlu fit-tifsira l-irziezet, u bini maħsub l-iktar biex fih jinżammu l-ifrat għat-trobbija u s-simna jew xi bhejjem oħra domestiċi;

"sid" ifisser ukoll il-persuna li għandha tkun mikrija l-art jew persuna oħra li jkollha nteress fl-art;

"skop pubbliku" jfisser kull skop li għandu x'jaqsam ma' l-użu

*Imħassra bl-Att XXIX ta' l-1980.

esklużiv tal-Gvern jew ma' l-użu pubbliku ġenerali, jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar ta' l-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew għaż-żjieda fl-impiegi, jew għat-tkattir fit-turiżmu, jew għall-promozzjoni tal-kultura, jew għall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika, jew għall-ħarsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew ta' l-ajru; u jfisser ukoll kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt din l-Ordinanza jkun konness ma' l-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bhala koness ma' jew ancillari ghall-interess pubbliku jew utilità.

Dikjarazzjoni mill-President illi l-art hi meħtieġa għal skop pubbliku. *Emendat: LVIII. 1974.68; XXI. 2009.3.*

**3.** Il-President ta' Malta jista' jiddikjara, b'dikjarazzjoni ffirmata minnu, illi art hija meħtieġa għal skop pubbliku:

Iżda:

(*a*) meta l-art li għaliha tirreferi dik id-dikjarazzjoni tkun meħtieġa għal skopijiet pubbliċi minħabba fil-fatt li jkun bini storiku, dik id-dikjarazzjoni għandha ssemmi dak il-fatt; u

(*b*) bini storiku b'sid privat u li jkun miżmum fi stat tajjeb u li l-pubbliku għandu aċċess għalih, kemm bi ħlas jew b'mod ieħor, fuq bażi regolari mis-sidien jew l-amministraturi tiegħu għal finijiet edukattivi, kulturali jew turistiċi m'għandux jiġi akkwistat bħala bini storiku taħt din l-Ordinanza.

Proklama tal-President li jiddikjara art suġġetta għal jedd ta' *clearance*. *Emendat: V. 1949.3; LVIII. 1974.68.*

**4.** Il-President ta' Malta jista' għal skop pubbliku jiddikjara bi proklama illi art hija suġġetta għal jedd ta' *clearance* jew jedd ta' taħt wiċċ l-art.

Akkwist ta' art għal skop pubbliku. *Emendat: XXXI.1947.3; XXVII. 1956.3.*

**5.** L-awtorità kompetenti tista' takkwista art meħtieġa għal skop pubbliku, sew -

(*a*) b'xiri assolut tagħha; jew

(*b*) għall-pussess u użu tagħha għal żmien determinat jew matul dak iż-żmien illi l-bżonnijiet ta' l-iskop pubbliku jkunu jitolbu; jew

(*ċ*) b'dominju pubbliku:

Iżda wara li l-awtorità kompetenti tkun akkwistat xi art għall-pussess u użu jew b'dominju pubbliku il-bdil f'dominju pubbliku jew fi proprjetà assoluta tat-titolu li fuqu dik l-art hija miżmuma għandu dejjem jitqies li huwa akkwist ta' art meħtieġa għal skop pubbliku u li huwa fl-interess pubbliku:

Iżda wkoll, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 14, 15 u 16, awtorità kompetenti tista' takkwista art parti b'mod wieħed u parti b'mod ieħor jew b'oħrajn imsemmija fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*):

Iżda b'dan ukoll illi meta l-art jeħtieġ li tiġi akkwistata għan-nom u għal użu ta' terza persuna għal skop li għandu x'jaqsam ma jew iservi għal interess pubbliku jew utilità pubblika, l-akkwist għandu, f'kull każ, isir b'xiri assolut ta' l-art.

Dikjarazzjoni tal-President dwar l-iskop pubbliku hija bżżejjed.
*Sostitwit:*
*XLV. 1946.3.*
*Emendat:*
*LVIII. 1974.68;*
*XXI. 2009.4.*

**6.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ħadd m'għandu jitlob prova tal-iskop pubbliku msemmi fl-artikoli 3 u 4 u fl-artikolu 8(1) minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.

(2) Kull persuna li għandha interess fl-art li dwarha tkun saret dikjarazzjoni mill-President kif imsemmi fis-subartikolu (1), tista' tikkontesta l-iskopijiet pubbliċi ta' dik id-dikjarazzjoni quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet permezz ta' rikors ppreżentat fir-reġistru tal-imsemmi Bord fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li japplikaw għas-smigħ tal-kawżi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, inklużi d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw appelli minn dawk id-deċiżjonijiet, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-deċiżjoni dwar l-imsemmi rikors:

Kap. 12.

Iżda l-preżentata ta' rikors skont dan is-subartikolu m'għandhiex tfixkel l-issoktar tal-proċeduri ta' esproprjazzjoni jew l-għemil ta' kull ħaġa li tista' ssir fuq dik l-art skont din l-Ordinanza, f'dak iż-żmien meta r-rikors ikun għad irid jiġi deċiż, bla ħsara għad-dritt tar-rikorrent li jingħata kumpens f'każ illi d-dikjarazzjoni tal-President tinstab li tkun mingħajr skop pubbliku.

(3) L-awtorità kompetenti għandha sa mhux aktar tard minn erbat ijiem wara l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta twaħħal kif jidhrilha xieraq u jekk ikun fiżikament possibbli avviż ta' dik id-dikjarazzjoni fuq l-art li dwarha tkun inħarġet dik id-dikjarazzjoni.

Setgħa ta' awtorità kompetenti biex tiddisponi minn art.
*Miżjud:*
*XXVII. 1956.4.*

**7.** L-awtorità kompetenti tista' titratta u tiddisponi minn art akkwistata minnha b'dak il-mod u suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet kif jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont ta' l-interess jew qadi tal-pubbliku.

Investigazzjonijiet preliminari.
*Emendat:*
*XLV. 1946.4;*
*LVIII. 1974.68.*

**8.** (1) Kull meta l-President ta' Malta jidhirlu illi art għandha tiġi eżaminata sabiex tkun tista' tiġi akkwistata għal skop pubbliku, huwa jista' joħroġ dikjarazzjoni li tgħid dan, iffirmata minnu u mbagħad kull persuna illi jkollha awtorizzazzjoni ġenerali jew speċjali mill-awtorità kompetenti għaldaqshekk, tista', kif ukoll l-assistenti u ħaddiema tagħha, tagħmel dawn il-ħwejjeġ li ġejjin jew kull waħda minnhom:

(*a*) tidħol fl-art u tkejjel, u tieħu l-livelli ta' dik l-art;

(*b*) tħaffer jew ittaqqab taħt l-art;

(*ċ*) tagħmel kull ħaġ'oħra meħtieġa biex tiżgura jekk l-art

hix tajba għal dan l-iskop;

(*d*) tbattal, tiffissa u timmarka l-limiti ta' l-art li tkun sejra tiġi akkwistata u l-linja tax-xogħol li jkun sejjer isir fuqha:

Iżda, ħadd ma jista' jidħol f'bini jew fi btieħi jew f'ġonna ta' djar ħlief bil-kunsens tad-detentur tagħhom, mingħajr qabel ma jagħti lid-detentur avviż għaldaqshekk ta' mill-anqas sebat ijiem.

(2) Mill-aktar fis li jista' jkun wara d-dħul imsemmi fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha tħallas il-ħsarat kollha li jkunu saru, u fil-każ li tinqala' kwistjoni dwar l-ammont li jmissu jitħallas, l-awtorità kompetenti jew il-persuna li titlob il-kumpens jistgħu jirreferixxu l-kwistjoni lill-Bord, u d-deċiżjoni ta' dan tkun finali.

Avviż li art sejra tiġi akkwistata. *Sostitwit: XLV. 1946.5. Emendat: LVIII. 1974.68; XI. 2002.7.*

**9.** (1) Kull meta l-President ta' Malta jiddikjara li l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku, l-awtorità kompetenti tordna li kopja ta' dik id-dikjarazzjoni (flimkien ma' dettalji biżżejjed biex tkun magħrufa liema hija dik l-art) tkun imxandra fil-Gazzetta tal-Gvern, f'żewġ, mill-inqas, ġurnali lokali (wieħed minnhom ġurnal bl-Ingliż u l-ieħor ġurnal bil-Malti), u fuq tabella ta' l-avviżi fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-lokalità fejn tinsab l-art.

(2) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tippreżenta kopja tad-dikjarazzjoni u tad-dettalji fir-reġistru tal-Bord, u tordna illi kopja tad-dikjarazzjoni u tad-dettalji għandha tkun notifikata b'mezz tal-Bord, kif stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, lil kull sid u lil kull bniedem ieħor li għandu interess skond il-liġi fl-art imsemmija fid-dikjarazzjoni, illi l-awtorità kompetenti tkun taf bihom u taf min huma. Kap. 12.

Proċedimenti meta s-sid ma jkunx magħruf, eċċ. *Emendat: XLV. 1946.6; XXXI. 1947.4; A.L. 148 ta' l-1975.*

**10.** Meta s-sid jew xi wieħed mis-sidien ta' art li għandha tiġi akkwistata obbligatorjament minn awtorità kompetenti ma jkunx magħruf jew ikun inċert jew assenti jew minuri jew persuna inkapaċi bla rappreżentant skond il-liġi, jew li l-awtorità kompetenti ma tkunx taf li għandha rappreżentant skond il-liġi, il-proċedimenti taħt din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jiġu maħtura mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, biex jidhru għas-sid jew sidien kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Proċedimenti meta l-art hija ta' persuna inkapaċi. *Emendat: XLV. 1946.7; XXXI 1947.5; A.L. 148 ta' l-1975.*

**11.** (1) Meta l-art li għandha tiġi akkwistata minn awtorità kompetenti hija ta' persuna interdetta, jew ta' minuri, jew ta' persuna suġġetta għal inkapaċità oħra, jew hija dotali jew taħt fedekommess, jew użufrutt jew użu jew abitazzjoni, jew hija l-oġġett ta' għoti enfitewtiku li żmienu jkun iffissat b'riferenza għall-għomor ta' nies, ebda awtorizzazzjoni ġudizzjarja speċjali jew xort'oħra m'hija meħtieġa, iżda l-kumpens li jkun imiss jitħallas taħt din l-Ordinanza, flimkien ma' somma ta' tlieta fil-mija fuq il-kumpens iffissat, għandu jiġi ddepożitat fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, u ma jistax jiġi meħud lura mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Impieg ta' ċerti Kapitali igħoddu fil-każ ta' proprjetà taħt fedekommess kemm-il darba l-qorti ma tordnax xort'oħra. Kap. 26.

(2) Fil-każ ta' depożitu ta' kumpens taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), l-ispejjeż leġittimi tal-proċedimenti sabiex id-depożitu jiġi meħud lura jitħallsu mill-awtorità kompetenti.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), jkunu jgħoddu hekk ukoll għal kera ta' akkwist u għal kera ta' għarfien, iżda hekk illi ammonti żejda, magħdudin bit-tlieta fil-mija (3%) ta' kull waħda mir-rati suċċessivi ta' kera ta' akkwist jew ta' kera ta' għarfien depożitati, qatt ma għandhom jistħoqqu dwar aktar minn erba' rati ta' kera ta' akkwist jew ta' kera ta' għarfien imħallsin dwar xi akkwist waħdani tal-pussess u użu ta' art, jew, kif jaħbat, tad-dominju pubbliku.

Drittijiet tal-Gvern fuq l-art.
*Emendat:*
*XLV. 1946.8;*
*XXVII. 1956.5;*
*XI. 2002.7;*
*I. 2006.3;*
*III. 2006.9.*

**12.** (1) Fi żmien erbatax-il ġurnata mill-ġurnata tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, meħtieġa taħt l-artikolu 9(1), ta' dikjarazzjoni magħmula taħt l-artikolu 3, is-sid ta' l-art, jew min jokkupaha, jekk ikun hemm, għandhom jagħtu f'idejn l-awtorità kompetenti l-pussess tagħha:

Iżda, jekk l-art, li l-pussess tagħha huwa hekk meħtieġ, tkun dar fil-fatt okkupata bħala dar, min jokkupaha ma jkunx jinħtieġlu li jitlaq il-pussess tagħha qabel ma jgħaddu erbatax-il ġurnata mill-ġurnata li fiha l-awtorità kompetenti tkun offriet bil-miktub lill-imsemmi okkupant fejn joqgħod band'oħra li raġonevolment ikun biżżejjed għan-nies li joqogħdu f'dik id-dar.

(2) Wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1) l-awtorità kompetenti tista' mingħajr ebda formalità oħra tidħol f'din l-art u tieħu pussess tagħha jew tawtorizza lil xi ħadd biex jidħol f'din l-art u jieħu pussess tagħha u, minkejja xi restrizzjoni li jkun hemm fuq din l-art b'kull liġi oħra jew b'kull dokument jew xort'oħra, tagħmel jew tawtorizza lil xi ħadd li jagħmel f'din l-art jew fuqha jew dwarha kull xogħol jew ħaġ'oħra tkun li tkun li xi ħadd li jkollu nteress illimitat f'din l-art ikollu jedd li jagħmel bis-saħħa ta' dak l-interess salv l-obbligu ta' xi awtorità kompetenti li terġa tqiegħed kif kienet l-art jew tħallas kumpens għal kull dannu magħmul jekk fil-każijiet permessi f'din l-Ordinanza l-akkwist ma jkunx tkompla.

(3) Bla preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22(3), mgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena għandu jibqa' għaddej fuq il-valur ta' l-art maħdum skond l-Iskeda 2 u għaż-żmien hemm indikat favur kull min għandu jedd għall-kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħha taħt din l-Ordinanza:

Iżda fejn jinħareġ avviż għall-ftehim taħt din l-Ordinanza, l-imgħax jinħadem fuq il-valur iffissat f'dak l-avviż, mid-data tat-teħid tal-pussess ta' l-art mill-awtorità kompetenti sat-trasferiment tat-titolu b'xiri assolut lill-Gvern ta' Malta:

Iżda meta jinħareġ avviż għall-ftehim taħt din l-Ordinanza, u l-persuna li jkollha jedd għall-kumpens tkun għażlet li ma taċċettax il-prezz offrut fl-avviż, imgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena għandu jibqa' għaddej fuq il-valur ta' l-art maħdum skond l-Iskeda 3 u għaż-żmien hemm indikat favur kull min għandu jedd għall-kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħha taħt din l-Ordinanza.

**13.** (1) L-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas għall-art meħtieġa minn awtorità kompetenti jista' f'kull żmien ikun stabbilit bi ftehim bejn l-awtorità kompetenti u s-sid, bla ħsara tad-disposizzjonijiet li jinsabu fis-subartikolu (2).

L-ammont tal-kumpens jista' jiġi stabbilit bi ftehim. *Emendat: XLV. 1946.9. Sostitwit: XXXI. 1947.6. Emendat: A.L. 148 ta' l-1975.*

(2) Fil-każ li l-akkwist ta' art ikun għal pussess temporanju u użu, il-kumpens ikun il-kera ta' akkwist, u fil-każ li l-akkwist ta' art ikun b'dominju pubbliku il-kumpens ikun kera ta' għarfien, stabbilit sew hekk kemm hekk fuq dak li jgħidu d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 27.

(3) Il-kera ta' akkwist jew il-kera ta' għarfien, kif jaħbat, ikun jistħoqq li jitħallas lill-bniedem bil-jedd li jdaħħal, jew li b'jeddu stess jikri u jdaħħal, il-flus tal-kera ta' l-art li għandha x'taqsam jew it-tutur, kuratur, amministratur, prokuratur, jew rappreżentant ieħor tal-bniedem li jkollu dak il-jedd:

Iżda jekk l-awtorità kompetenti ma tkunx taf l-isem u fejn joqgħod f'Malta l-bniedem li lilu l-kera ta' akkwist jew il-kera ta' għarfien hekk jistħoqq li jitħallas, hija tista' tiddepożita dawk il-flus tal-kera fil-Qorti Ċivili bħal ma jgħidu d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11.

**14.** Is-sid ma jistax jiġi mġiegħel ibiegħ jew jittrasferixxi lill-awtorità kompetenti biċċa biss ta' dar jew bini ieħor jekk is-sid ikun irid u jkun jista' jbiegħ u jitrasferixxi d-dar kollha jew il-bini kollu.

Biċċa minn dar.

**15.** Is-sid ma jistax jiġi mġiegħel ibiegħ jew jittrasferixxi lill-awtorità kompetenti biċċa biss ta' art tajba għall-bini, meta l-biċċa li tibqa' tkun ta' anqas minn mitejn u għoxrin metri kwadri, jew meta, fil-fehma tal-Bord, il-biċċa li tibqa', minħabba l-għamla u l-kobor tagħha, ma tibqax tajba għall-bini taħt il-liġijiet u regolamenti dwar il-bini; f'kull każ bħal dan l-awtorità kompetenti għandha takkwista l-art kollha:

Biċċa minn art għall-bini.

Iżda, jekk is-sid ikollu art li tmiss magħha, il-Bord jista' jiddikjara illi d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-art li għandha tiġi akkwistata.

**16.** Is-sid ma jistax jiġi mġiegħel jittrasferixxi biċċa biss minn art, meta dik il-biċċa tkun iżjed minn tliet kwarti ta' l-art kollha u l-biċċa li tibqa' tkun anqas minn elf mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri u dak is-sid ma jkollux art oħra li tmiss magħha.

Biċċa art.

**17.** L-art li ma tkunx art tajba għall-bini għandha tiġi stmata għall-finijiet tal-kumpens li għandu jitħallas fil-każ ta' akkwist obbligatorju tagħha, bħala raba' jew moxa, skond il-każ:

Stima ta' art li ma tkunx art tajba għall-bini. *Emendat: XXXI. 1947.7. Sostitwit: I. 2006.4.*

Iżda fid-deċiżjoni dwar dak il-kumpens, għandu jittieħed qies tal-valur ta' l-istrutturi eżistenti fuq dik l-art u tal-fatt jekk dawk l-istrutturi humiex koperti b'permess skond il-liġi.

**18.** (1) Art, ħlief bini storiku, għandha titqies li tkun art għall-bini għall-finijiet ta' din l-Ordinanza jekk tkun ġewwa l-limiti ta' skema ta' bini jew art li tkun indikata u approvata għall-iżvilupp fi Pjan ta' Struttura jew pjan sussidjarju li ġie adottat u li jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien taħt xi liġi dwar l-ippjanar.

Artijiet tajbin għall-bini. *Sostitwit: XXVII. 1956.6; I. 2006.4. Emendat: XXI. 2009.5.*

(2) Fid-deċiżjoni dwar kumpens dovut għal art għall-bini, għandu jittieħed qies ta' l-użu jew l-iżvilupp li jkun jista' jsir fuq jew dwar dik l-art skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

Stima ta' art esproprjata qabel l-2003.
*Miżjud:*
*I. 2006.5.*

**18A.** Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra, il-valur ta' xi art -

(*a*) li fl-1 ta' Jannar 2005 tkun fil-proċess li tiġi akkwistata;

(*b*) li dwarha tkun inħarġet dikjarazzjoni taħt l-artikolu 3 qabel il-5 ta' Marzu 2003; u

(*ċ*) li dwarha ma jkunx inħareġ avviż għall-ftehim qabel l-1 ta' Jannar 2005 taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza kif fis-seħħ qabel id-data msemmija f'dan il-paragrafu,

għandu, bla ħsara għal kull imgħax li jkun dovut sal-pagament taħt l-artikolu 12(3), ikun il-valur tagħha kif ikun fl-1 ta' Jannar 2005.

Art okkupata għal għaxar snin; applikazzjoni biex tinxtara, jew tkun akkwistata b'dominju pubbliku, eċċ.
*Emendat:*
*XLV. 1946.10;*
*XXXI. 1947.8;*
*IV. 1961.12;*
*XXXI. 1966.2.*

**19.** (1) Meta l-art tkun ġiet akkwistata minn awtorità kompetenti għal użu jew pussess għal dak iż-żmien li l-bżonnijiet ta' l-iskop pubbliku jkunu jitolbu, is-sid jista', wara li jgħaddu għaxar snin mid-data li fiha jkun ittieħed pussess mill-awtorità kompetenti, jitlob lill-Bord biex joħroġ ordni sabiex l-art tinxtara jew tkun akkwistata b'dominju pubbliku jew titbattal fi żmien sena mid-data ta' l-ordni, u l-art tiġi mbattla jew tkun akkwistata b'dominju pubbliku jew mixtrija b'kumpens illi jiġi ffissat skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew ta' xi Ordinanza li tbiddel jew imdaħħla minflok din l-Ordinanza.

(2) Meta art illi tkun fil-pussess u użu ta' awtorità kompetenti tiġi mbattla, l-awtorità kompetenti tista' tneħħi l-bini kollu, kostruzzjonijiet jew benefikati oħra mibnijin jew magħmulin fuqha matul iż-żmien ta' l-okkupazzjoni, u tagħti dak il-kumpens lil sid l-art għal ħsara li tkun saret bil-kostruzzjoni ta' dak il-bini jew xort'oħra, kif jiġi miftiehem bejn l-awtorità kompetenti u s-sid jew, fin-nuqqas ta' ftehim, kif jiġi ffissat mill-Bord.

(3) Meta awtorità kompetenti tkun akkwistat xi art għall-pussess u użu jew, kif jaħbat, b'dominju pubbliku, u wara dan tbiddel f'dominju pubbliku jew, kif jaħbat, f'proprjetà assoluta t-titolu li fuqu dik l-art hija miżmuma, fl-iffissar, għall-għanijiet ta' dik il-bidla ta' titolu, ta' l-ammont tal-kera ta' għarfien jew kif jaħbat tal-kumpens għall-akkwist tal-proprjetà assoluta, ebda każ ma jittieħed ta' ebda bini, tlugħ jew titjib ieħor imtella' jew magħmul fuq l-art wara l-jum li fih il-pussess tagħha kien ittieħed mill-awtorità kompetenti, u għal għanijiet ta' dak l-iffissar l-art titqies li ma tbiddlet f'ebda ħaġa li tista' tgħodd mill-ewwel jum ta' dak il-pussess.

(4) Meta l-proprjetà ta' art li tkun fil-pussess u użu ta' awtorità kompetenti jew tkun miżmuma minnha b'dominju pubbliku tiġi trasferita minn sidha lil xi ħaddieħor, dak it-trasferiment ma jtiefes b'ebda mod il-pussess jew dominju sussistenti ta' l-awtorità kompetenti, ħlief illi mill-ewwel ġurnata li fiha tagħlaq rata ta' kera ta' akkwist jew ta' kera ta' għarfien wara n-notifika lill-

awtorità kompetenti ta' ittra uffiċjali mibgħuta flimkien minn min għamel u minn min irċieva t-trasferiment u li jkun fiha l-informazzjonijiet kollha tat-trasferiment magħmul, jew, inkella, wara li tkun inġiebet, minn min għamel jew minn min irċieva t-trasferiment, prova li togħġob lill-awtorità kompetenti illi t-trasferiment tabilħaqq sar b'forma li tiswa skond il-liġi, il-kera ta' akkwist jew il-kera ta' għarfien jitħallsu lil min irċieva t-trasferiment.

(5) Id-dominju pubbliku għandu min-natura tiegħu jdum għal dejjem, mingħajr ħsara għal xi għaqda b'rieda taż-żewġ naħiet jew xort'oħra skond il-liġi ta' dak id-dominju mal-fdal tal-proprjetà ta' l-art; u l-kera ta' għarfien li jistħoqq għalih qatt ma jitbiddel, mingħajr ħsara għall-effetti ta' xi għaqda, totali jew parzjali. Il-fdal ta' proprjetà ta' l-art miżmuma b'dominju pubbliku, bil-jedd għal kera ta' għarfien li jagħmel ma' dak il-fdal, għandu, għall-għanijiet kollha tal-liġi, jitqies li hu jedd immobbli minħabba l-ħaġa li magħha għandu x'jaqsam, u dak li minn żmien għal ieħor ikun sid dak il-jedd jista' jneħħih skond il-liġi kull meta jidhirlu.

(6) L-awtorità kompetenti ma tkunx taħt ebda tirżin dwar dak li tista' tagħmel, minn żmien għal ieħor, b'art miżmuma minnha b'dominju pubbliku, bla ħsara tad-dmir tagħha li tħallas dak il-kera ta' għarfien li jkun jistħoqq fuqha; tista' tħott kull tlugħ li jkun hemm fuq l-art u ma ttellax oħrajn flokhom, u tista' tbiddel kif trid l-użu li għalih l-art qabel kienet qiegħda; ikollha l-jedd tiegħu kull utli li tħalli kull biċċa art li jkollha f'idejha b'dominju pubbliku, magħdud kull teżor li jinsab hemmhekk, bla ħsara f'dan il-każ tas-sehem li skond il-liġi jmiss lil dak li jkun sabu; u jkollha l-jedd tirrivendika dik l-art mingħand kull pussessur, saħansitra jekk dak il-pussessur ikollu jedd għal kera ta' għarfien dwar l-istess art.

(7) Il-bniedem bil-jedd jew il-bnedmin li flimkien għandhom il-jedd li jdaħħlu kera ta' għarfien ma jkunu qatt marbutin li jagħmlu f'xi jew fuq xi art jew f'xi jew fuq xi sehem ta' l-art, li dwarha huwa jew huma jkollhom il-jedd għal dak il-kera ta' għarfien, ebda xogħol li bil-liġi għandu jsir minn sid l-art; u lanqas ma għandu l-jedd tiegħu jew tagħhom għall-kera ta' għarfien ikun imtiefes hekk jew hekk bil-qirda, għal kollox jew f'sehem u minħabba kull kawża li tkun, ta' xi wħud mill-istrutturi jew kollha kemm huma li kienu mtellgħin fuq l-art minn qabel jew wara li l-art ittieħdet b'dominju pubbliku.

(8) L-awtorità kompetenti tista', meta trid, iġġib għall-bejgħ bl-offerti blokk ta' bini li jista' jkun imgħammar għalih jew xi biċċa art, li f'kull każ ikunu għand dik l-awtorità kompetenti b'dominju pubbliku; u bil-ħsieb ta' dak il-għan jew ta' xi għan ieħor l-awtorità kompetenti tkun tista' tqassam, kif jidhrilha xieraq, fuq xi lott jew lottijiet li jissemmew u li jagħmlu sehem minn biċċa art oriġinarjament akkwistata bħala suġġetta għal kera ta' għarfien waħdani, sehem minn dak il-kera ta' għarfien jew kollu kemm hu. Kull bejgħ bħal dak, iżda, jaqa' taħt dawn id-disposizzjonijiet speċjali li ġejjin:

(*a*) il-kera ta' għarfien imqassam fuq xi biċċa art ma għandux jisboq in-nofs tar-renta illi, fil-fehma tad-

Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, dik il-biċċa art jista' wieħed bir-raġun jaħseb li tħalli fiż-żmien tal-bejgħ u ċ-ċertifikat tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkun aħħari;

(*b*) f'kull każ bħal dak il-bejgħ li hemm il-ħsieb li jsir għandu jkun imgħarraf b'ittra, f'isem l-awtorità kompetenti, lill-bniedem f'dak iż-żmien bil-jedd jew lill-bnedmin li f'dak iż-żmien ikollhom flimkien il-jedd għall-kera ta' għarfien oriġinali jew sehem minnu li fil-kotba amministrativi ta' l-awtorità kompetenti jidhru li għandhom dak il-jedd; iżda hekk illi xi nuqqas ta' dan it-tagħrif ma għandu qatt iġib in-nullità tal-bejgħ jew li l-bejgħ jista' jitħassar;

(*ċ*) jekk il-bniedem illi f'dak iż-żmien ikollu l-jedd li jdaħħal il-kera ta' għarfien oriġinali jew xi sehem minnu, u li jidher hekk fil-kotba amministrativi ta' l-awtorità kompetenti, jagħmel offerta iżgħar mill-ogħla offerta mhux iżjed minn għaxra fil-mija (10%) ta' dik l-ogħla offerta, u jekk, fi żmien sitt ijiem tax-xogħol minn meta tasallu t-tagħrifa bil-miktub mingħand l-awtorità kompetenti li l-għażla hawn taħt imsemmija tista' tgħodd għalih u ta' l-ogħla offerta li saret, dak il-bniedem jiddikjara bil-miktub lill-awtorità kompetenti l-ħsieb tiegħu li jinqeda bil-għażla hawn taħt imsemmija, dak il-bniedem jitħalla li jżid l-offerta magħmula minnu sakemm tiġi ndaqs ma' l-ogħla offerta. Meta l-offerti jkunu ndaqs, sew mill-bidu jew b'saħħa ta' għażla kif hawn qabel imsemmi, l-offerta tal-bniedem li jkollu l-jedd li jdaħħal il-kera ta' għarfien jew sehem minnu tkun preferuta għall-offerta magħmula minn bniedem mhux hekk kwalifikat;

(*d*) meta jsir bejgħ bħal dak, id-dmir ta' l-awtorità kompetenti li tħallas il-kera ta' għarfien li jaħkem fuq l-art mibjugħa u li dak il-kera ta' għarfien ikun piż fuq il-Fond Konsolidat jintemmu, imma privileġġ speċjali fuq l-immobbli mibjugħ, li jkollu preferenza u jkun imrieġi b'kull mod ieħor indaqs mal-privileġġ li jistħoqq lill-padrun dirett fuq l-utli dominju bis-saħħa ta' l-artikolu 2010 tal-Kodiċi Ċivili, jinħoloq fuq l-immobbli favur il-bniedem bil-jedd jew il-bnedmin li flimkien ikollhom il-jedd għall-kera ta' għarfien fuq dik l-art u li ma jkunx ix-xerrej jew ma jkunux ix-xerreja flimkien ta' l-immobbli;

Kap. 16.

(*e*) bejgħ magħmul mill-awtorità kompetenti ta' sehem minn biċċa art miżmuma minnha b'dominju pubbliku, bħala suġġett dak is-sehem għal sehem maqsum tal-kera ta' għarfien mistħoqq dwar kollha kemm hi dik il-biċċa art, ma għandux iġib b'konsegwenza l-obbligu ta' l-awtorità kompetenti jew li tagħmel tajjeb għall-ħlas ta' dak is-sehem tal-kera ta' għarfien imqassam fuq is-sehem hekk mibjugħ tal-biċċa art jew li tixtri b'mod assolut il-fdal tal-proprjetà ta' xi sehem ieħor

mill-istess biċċa art, u ma jkun hemm ebda azzjoni *in solidum* dwar l-ishma differenti tal-kera ta' għarfien oriġinali;

(*f*) fuq ebda bejgħ bħal dak imsemmi hawn qabel ma jkun jistħoqq lawdemju jew dritt ieħor għat-tagħrif lill-bniedem bil-jedd jew lill-bnedmin li flimkien għandhom il-jedd li jdaħħlu l-kera ta' għarfien;

(*g*) ir-relazzjonijiet bejn ix-xerrej jew ix-xerrejja flimkien ta' art li qabel kienet miżmuma mill-bejjiegħ b'dominju pubbliku u l-bniedem bil-jedd jew il-bnedmin li flimkien ikollhom il-jedd li jdaħħlu kera ta' għarfien fuq dik l-art ikunu mreġijin bil-liġi fuq l-enfitewsi kif imfissra fil-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

Tmiem tal-kiri: kumpens. *Emendat: XXXI. 1947.9; XXIX. 1969.2.*

**20.** (1) Meta art, li ma tkunx raba', tkun ġiet akkwistata minn awtorità kompetenti, sew għal kollox jew għal żmien, jew f'dominju pubbliku, u dik l-art tkun suġġetta għal kiri imma mhux għal ċens, f'dan il-każ ebda kumpens għat-tmiem tal-kiri ma jitħallas lill-kerrej jew detentur, kemm-il darba jkun ingħata avviż ta' sena sħiħa mill-awtorità kompetenti lill-kerrej jew detentur biex iħalli dik l-art.

(2) Jekk l-avviż biex titħalla art ikun ta' anqas minn sena, jitħallas lill-kerrej jew detentur il-kumpens li jmiss.

(3) Il-kumpens għat-tmiem tal-kiri ma jkun qatt iżjed mill-kera ġust ta' l-art għaż-żmien ta' sentejn.

(4) Meta jiġi ffissat il-kumpens fil-limiti hawn fuq imsemmija, għandu jittieħed qies taż-żmien li jkun fadal tal-kiri u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari.

Terminazzjoni tal-kirja tar-raba'; kumpens. *Miżjud: XXIX. 1969.3.*

**21.** (1) Meta raba' jkun ġie akkwistat minn awtorità kompetenti, sew għal kollox jew għal żmien jew b'dominju pubbliku, u dak ir-raba' jkun suġġett għal kiri imma mhux għal ċens, għandu jitħallas lill-kerrej jew lid-detentur ta' dak ir-raba' kumpens xieraq għal kull benefikat agrikolu li jkun sar mill-kerrej jew mid-detentur jew minn membru tal-familja fl-imsemmi raba' matul il-perijodu ta' tmien snin konsekuttivi minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni tal-kirja u ammont daqs il-valur tal-prodotti miġbura mill-kerrej jew mid-detentur jew minn membru tal-familja mill-imsemmija raba', wara li jitnaqqsu l-ispejjeż li jkunu saru għall-koltivazzjoni tiegħu fl-aħħar erba' snin minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni:

Iżda ma għandux jitnaqqas bħala parti minn dawk l-ispejjeż il-prezz tax-xogħol, tal-kerrej stess jew tad-detentur stess jew ta' xi membru tal-familja, fir-raba'.

(2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan, jekk il-kumpens dwar il-benefikati msemmija fl-imsemmi subartikolu, jew parti minnu, huwa dovut lis-sid tar-raba' skond il-ftehim li jirregola r-relazzjonijiet kontrattwali bejn dak is-sid u l-kerrej jew id-detentur tar-raba', dak il-kumpens jew il-parti minnu li huwa hekk dovut ma għandux jitħallas lill-imsemmi kerrej jew detentur:

Iżda s-somma totali li għandha titħallas lill-kerrej jew lid-detentur tar-raba' skond is-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan ma għandha f'ebda każ tkun anqas mill-kera ġust tar-raba' għaż-żmien ta' sentejn.

(3) F'dan l-artikolu "membru tal-familja" tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, raġel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma terġgħax tiżżewweġ, tal-kerrej jew tad-detentur.

Proċedura.
*Emendat:*
*XLV. 1946.11;*
*XXXI.1947.10;*
*XI. 1989.2.*
*Sostitwit:*
*XI. 2002.7.*
*Emendat:*
*I. 2006.6;*
*III. 2006.10;*
*XXI. 2009.6.*

**22.** (1) Jekk l-awtorità kompetenti u s-sid jiftiehmu fuq l-ammont ta' kumpens dwar xi art, il Bord, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, jagħmel ordni li bih jagħti esekuzzjoni għal dak il-ftehim:

Iżda l-ammont ta' kera ta' akkwist jew kera ta' għarfien, skond il-każ, ikun stabbilit skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu 27.

(2) Meta l-art tkun se tiġi akkwistata bix-xiri assolut tagħha (inkluż l-akkwist bil-bdil minn pussess u użu jew dominju pubbliku għal proprjetà assoluta), id-dikjarazzjoni mill-President maħruġa għall-finijiet ta' l-artikolu 3 ta' din l-Ordinanza, għandha tiddikjara x'ikun l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li tħallas għal dik l-art li d-dikjarazzjoni tkun tirreferi għaliha. Id-Dikjarazzjoni għandu jkollha flimkien magħha stima magħmula minn perit arkitett u meta jkun hemm waħda, pjanta ta' l-art deskritta fid-Dikjarazzjoni.

(3) Fi zmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President kif inhi msemmija fis-subartikolu (2) fil-Gazzetta, il-Gvern għandu jiddepożita f'kont bankarju li jirrendi l-imgħax (li jkun jiggarantixxi dak l-inqas imgħax fis-sena li l-Ministru responsabbli għall-artijiet jista' b'regolament taħt dan is-subartikolu jippreskrivi) ammont ta' flus li jkun daqs l-ammont ta' kumpens offrut fid-dikjarazzjoni tal-President. Dik is-somma għandha tkun tista' tinġibed liberament flimkien ma' kull imgħax li jinġema' fuqha mill-persuna jew il-persuni li jkollhom jedd għal dak il-kumpens hekk kif dawn iġibu prova tal-jedd li jkollhom għaldaqstant, b'mod sodisfaċenti għall-awtorità kompetenti:

Iżda fil-każijiet fejn id-Dikjarazzjoni Presidenzjali tirreferi għall-akkwist bil-bdil minn pussess u użu jew dominju pubbliku għal proprjetà assoluta, il-gvern ma jkunx marbut biż-żmien stabbilit fis-subartikolu preċedenti, għar-rigward id-depożitu ta' l-ammont ta' flus li jkun daqs l-ammont ta' kumpens offrut fid-Dikjarazzjoni tal-President, u jkun jista' jiddepożita dak l-ammont fi kwalunkwe żmien wara, u f'dawk il-każijiet, għandu jibda għaddej ta' kuljum, imgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena, li jitħallas kull sena fuq l-ammont ta' kumpens dikjarat fuq id-Dikjarazzjoni tal-President, sad-data ta' l-eventwali depożitu fil-Bank:

Iżda f'dawn il-każijiet, kull dħul minn bejgħ, trasferiment jew minn drittijiet reali jew personali maħluqa fuq din l-art, kif ukoll kull dħul minn kirjiet jew xi forma ta' dħul annwali ieħor fuq l-istess art, għandu jibqa jinżamm mill-Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jiġi riservat għall-ħlas ta' l-ammont ta' kumpens u l-imgħax

imsemmi fil-proviso preċedenti dovuti lis-sidien proprja, b'dana iżda li fil-każ li d-dħul jeċċedi l-ammont ta' kumpens u imgħax dovut, l-istess eċċess jiġi trasferit u miżmum fil-Fond Konsolidat.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tesprimi jekk tkunx qiegħda taċċetta jew le l-prova li dawk il-persuni jġibu kif imsemmi fis-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan, permezz ta' att ġudizzjarju fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet ippreżentata dik il-prova.

(5) L-ammont depożitat kif provdut fis-subartikolu (3) flimkien ma' kull imgħax li jgħaddi fuqu jista' jiġi żbankat kif provdut fl-imsemmi subartikolu sew jekk is-somma depożitata bħala kumpens tkun jew ma tkunx ġiet aċċettata bħala l-ammont ta' kumpens dovut, u l-ġbid ta' dawk l-imgħaxijiet mid-depożitu ma għandux jippreġudika l-jedd li persuna jkollha li tmexxi skond din l-Ordinanza għall-fini li jiġi stabbilit kull kumpens ieħor li jista' jiġi mħallas lilha skond din l-Ordinanza.

(6) Meta l-persuna li jkollha jedd għall-kumpens ma taċċettax li l-ammont depożitat ikun wieħed adegwat, dik il-persuna tista' tagħmel rikors quddiem il-Bord sabiex jiġi stabbilit x'ikun il-kumpens skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Dak ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jindika l-kumpens li fil-fehma tar-rikorrent ikun dovut.

(7) Dak ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika ta' l-att ġudizzjarju mill-awtorità kompetenti fejn tiġi aċċettata dik il-prova skond is-subartikolu (4). Il-Bord għandu jistabbilixxi dak il-kumpens u għandu jagħti kull ordni u direttiva meħtieġa skond din l-Ordinanza.

(8) Hekk kif issir id-Dikjarazzjoni mill-President skond din l-Ordinanza li xi art għandha tkun akkwistata bix-xiri assolut tagħha, il-proprjetà assoluta ta' dik l-art li dwarha tkun tirreferixxi d-dikjarazzjoni għandha titqies li tkun area ta' reġistrazzjoni għall-finijiet ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet u l-proprjetà Kap. 296. assoluta ta' dik l-art għandha bis-saħħa ta' din l-Ordinanza u mingħajr ebda assikurazzjoni jew formalità oħra, tkun trasferita lejn u tkun akkwistata mill-awtorità kompetenti libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ u bil-pertinenzi kollha tagħha, u l-awtorità kompetenti għandha tara li dik l-art tiġi reġistrata fir-Reġistru ta' l-Artijiet f'isimha skond l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet, u dana fi żmien tliet xhur mill-ħruġ tad-Dikjarazzjoni tal-President.

(9) Id-dritt li jiġi rtirat il-kumpens depożitat skond is-subartikolu (3) u għal kull kumpens ieħor li jista' jkun dovut taħt din l-Ordinanza (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha "id-drittijiet ta' kumpens") għandu jitqies bħala dritt immobbli minħabba l-ħaġa li jirreferi għaliha u jkun jista' jiġi trasferit skond dan. Kull piż, ipoteka jew privileġġ li qabel l-akkwist ta' l-art mill-awtorità kompetenti kienu jaggravaw ma' dik l-art, għandhom jibqgħu hekk jaggravaw lid-drittijiet ta' kumpens bl-istess gradwazzjoni u preferenza li kellhom fuq l-art.

(10) Meta jkun ġie stabbilit il-kumpens li jitħallas dwar art li tkun ġiet akkwistata bix-xiri assolut tagħha, sew jekk bi ftehim sew

b'deċiżjoni tal-Bord, kull somma dovuta bħala kumpens iktar minn kull somma ddepożitata skond dan l-artikolu flimkien ma' l-imgħaxijiet fuqha skond l-artikolu 12(3), għandha titħallas lill-persuna li jkollha jedd għal dik is-somma mill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data meta dak il-kumpens ikun ġie stabbilit kif hawn qabel imsemmi.

(11) Il-kumpens dovut għall-akkwist b'xiri assolut ta' xi art, u s-somma li għandha tiġi ddepożitata skond dan l-artikolu għandha tkun:

(*a*) f'każijiet li ma jkunux dawk li jaqgħu taħt il-paragrafi (*b*) u (*ċ*) ta' dan is-subartikolu, dak il-kumpens li jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza wara li jitqies il-valur fid-data tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni mill-President fil-Gazzetta;

(*aa*) f'każ ta' bini storiku l-valur tiegħu għandu jiġi kkalkulat bħala l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(i) il-valur sħiħ tal-bini storiku jekk mibjugħ fis-suq miftuħ bil-kondizzjoni li l-użu li jista' jsir minnu jkun limitat għal finijiet edukattivi, turistiċi jew kulturali u minnu għandu jitnaqqas l-ammont meħtieġ biex il-bini storiku jiġi restawrat skont linji gwida internazzjonali aċċettati u *standards* ta' artiġjanat u prattika sabiex jinġieb xieraq għal dak l-użu edukattiv, turistiku jew kulturali; jew

(ii) meta l-bini storiku kien oriġinarjament tal-Gvern u mbagħad ġie trasferit mill-Gvern, billi jiġi aġġornat l-ammont li bih ġie akkwistat il-bini storiku mingħand il-Gvern minn sena bażi li ma tkunx qabel l-1946 skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-iSkeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar mid-data tal-imsemmi akkwist sad-data tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta magħmula skont l-artikolu 3 u jiżdied miegħu l-imgħax fuq l-ammont kif aġġornat bir-rata annwali ta' ħamsa fil-mija mid-data meta l-imsemmi bini storiku ġie trasferit mill-Gvern sad-data tal-imsemmija Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta flimkien mal-valur ta' kull miljorament li jkun sar għal dak il-bini mis-sid bejn l-imsemmija dati, bid-deprezzament applikabbli skont *standards* tal-*accountancy* stabbiliti:

Kap. 158.

Iżda biex jiġi kalkolat il-kumpens skont dan is-subparagrafu:

1. meta l-bini storiku kien oriġinarjament tal-Gvern u ġie trasferit mill-Gvern u l-imsemmi trasferiment seħħ tletin sena jew aktar qabel id-data tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fir-rigward ta' dak il-bini storiku, l-ammont li jirriżulta wara li l-valur tal-bini bbażat fuq l-ammont li bih ġie akkwistat il-bini storiku mingħand il-Gvern jiġi aġġornat sad-data tal-imsemmija Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-iSkeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar kif fuq premess għandu jiġi mmoltiplikat bi ħmistax; Kap. 158.
2. meta l-bini storiku kien oriġinarjament tal-Gvern u ġie trasferit mill-Gvern u l-imsemmi trasferiment seħħ inqas minn tletin sena iżda iktar minn għoxrin sena qabel id-data tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fir-rigward ta' dak il-bini storiku, l-ammont li jirriżulta wara li l-ammont li bih ġie akkwistat il-bini storiku mingħand il-Gvern jiġi aġġornat sad-data tal-imsemmija Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-iSkeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar għandu jiġi mmoltiplikat b'għaxra; Kap. 158.
3. meta l-bini storiku kien oriġinarjament tal-Gvern u ġie trasferit mill-Gvern u l-imsemmi trasferiment seħħ iktar minn għaxar snin iżda inqas minn għoxrin sena qabel id-data tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fir-rigward ta' dak il-bini storiku, l-ammont li jirriżulta wara li l-ammont li bih ġie akkwistat il-bini storiku mingħand il-Gvern jiġi aġġornat sad-data tal-imsemmija Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-iSkeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar għandu jiġi mmoltiplikat b'ħamsa; Kap. 158.
4. meta japplikaw il-paragrafi ta' qabel ta' dan il-proviso, l-imgħax li għandu jitħallas skont is-subparagrafu (ii) għandu jitħallas biss fuq l-ammont kif aġġornat skont l-imsemmi subparagrafu u mhux ukoll fuq iż-żjieda li tirriżulta wara li jiġu applikati l-paragrafi 1, 2 jew 3; jew

(iii) meta l-bini storiku ma jkunx bini li kien oriġinarjament tal-Gvern, l-ammont stabbilit bħala l-valur tal-bini mill-persuna li tkun sid il-bini fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta f'dikjarazzjoni fir-rigward tat-trasferiment *causa mortis* tal-proprjetà ppreżentata skont l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti jew skont dikjarazzjoni magħmula għall-iskop ta' taxxa fuq is-suċċessjoni skont kull liġi oħra li minn żmien għal żmien irregolat jew tkun tirregola t-taxxa fuq is-suċċessjoni, aġġornata skont id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (ii), inkluż il-proviso tiegħu, li għandu japplika *mutatis mutandis*:

Kap. 364.

Iżda meta sehem indiviż jew ishma indiviżi biss ta' bini storiku jkunu ġew hekk iddikjarati fir-rigward ta' trasferiment *causa mortis* jew mod ieħor għal skopijiet ta' taxxa fuq is-suċċessjoni, il-valur tal-bini kollu għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu (iii) għandu jkun ibbażat fuq proġettazzjoni tal-valur dikjarat fir-rigward tal-imsemmi sehem jew l-imsemmija ishma li ssir medja tagħhom flimkien b'dak il-mod li jkopri mija fil-mija tal-valur tal-bini miżjud b'għaxra fil-mija;

(iv) meta l-bini storiku, sew jekk kien oriġinarjament tal-Gvern kif ukoll jekk le, jew ma jkun qatt ġie trasferit *causa mortis* jew wara li jkun ġie trasferit *causa mortis* jkun ġie trasferit *inter vivos* b'titolu oneruż, l-ammont li għalih dak il-bini jkun ġie hekk trasferit permezz tat-trasferiment l-iktar qrib qabel id-data tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, aġġornat skont id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (ii), inkluż il-proviso tiegħu, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*:

Iżda meta l-Bord ta' Arbitraġġ dwar l-Artijiet fi proċeduri miġjuba quddiemu fit-termini ta' din l-Ordinanza dwar il-kumpens li għandu jitħallas għall-akkwist ta' bini storiku jqis illi ma teżistix relazzjoni raġjonevoli ta' proporzjonalità bejn l-ammont ta' kumpens li jirriżulta bl-applikazzjoni tas-subparagrafi (i), (ii), (iii) jew (iv) u l-prezz fis-suq miftuħ li fil-fehma tal-Bord, wara li jkun ħa f'konsiderazzjoni l-kwistjonijiet rilevanti kollha ta' fatt u ta' liġi, dik il-proprjetà kienet iġġib kieku inbiegħet volontarjament *tale quale* fis-suq miftuħ, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, il-Bord ikun jista' jawtorizza li jitħallas ammont ta' kumpens bażat fuq il-medja bejn l-ammont komputat skont is-

subparagrafi (i), (ii), (iii) jew (iv) u dak l-ammont li l-Bord jikkunsidra li huwa l-valur fis-suq miftuħ;

(v) minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan is-subartikolu meta l-valur tal-bini storiku, kif ikkalkolat skont is-subparagrafi (i), (ii), (iii) jew (iv) inklużi l-proviso tagħhom jirriżulta f'ammont ogħla mill-valur fis-suq miftuħ tal-imsemmi bini fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fir-rigward tal-bini storiku, il-valur tal-bini storiku m'għandux jaqbeż l-imsemmi valur fis-suq miftuħ;

(vi) f'dan is-subartikolu:

"il-valur sħiħ tal-bini storiku" tfisser:

(*a*) jekk il-bini storiku jkun proprjetà assoluta tal-persuna li mingħandha jkun ġie esproprjat, il-valur sħiħ ta' dak il-bini;

(*b*) jekk il-bini storiku jkun fil-pussess tal-persuna li mingħandha jkun ġie esproprjat b'titolu ta' enfitewsi perpetwa l-valur sħiħ ta' dik l-enfitewsi perpetwa fiż-żmien tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta;

(*ċ*) jekk il-bini storiku jkun fil-pussess tal-persuna li mingħandha jkun ġie esproprjat b'titolu ta' enfitewsi temporanja jew b'xi titolu temporanju ieħor il-valur sħiħ ta' dak it-titolu ta' enfitewsi temporanja jew ta' dak it-titolu temporanju ieħor fiż-żmien tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta;

"kien oriġinarjament tal-Gvern" tfisser li l-bini storiku kien possedut mill-Gvern taħt titolu ta' proprjetà, ta' enfitewsi perpetwa jew in forza ta' xi dritt reali ieħor temporanju f'xi żmien mis-27 ta' Lulju, 1925 'il quddiem;

"trasferit mill-Gvern" tinkludi kull trasferiment ta' dritt reali fuq proprjetà immobbli inkluż trasferiment taħt titolu ta' bejgħ u ta' enfitewsi kemm jekk fil-perpetwità kif ukoll jekk temporanjament;

"l-ammont li bih ġie akkwistat il-bini storiku mingħand il-Gvern" tfisser:

(*a*) fil-każ ta' trasferiment b'titolu ta' bejgħ, il-prezz imħallas fuq il-bejgħ;

(*b*) fil-każ ta' trasferiment b'titolu ta' enfitewsi perpetwa jew b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' aktar minn tmienja u disgħin sena l-ammont ta' *premium* imħallas għall-konċessjoni ta' dik l-enfitewsi, jekk ikun hemm, imnaqqas

b'wieħed fil-mija għal kull sena li tkun għaddiet mindu saret il-konċessjoni, miżjud bl-ammont li jirriżulta wara li ċ-ċens pagabbli kull sena jiġi kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija;

(*ċ*) fil-każ ta' enfitewsi temporanja għal żmien ta' tmienja u disgħin sena jew anqas jew ta' dritt ieħor reali temporanju għal dak iż-żmien, l-ammont ta' *premium* imħallas għall-konċessjoni ta' dik l-enfitewsi jew għal dak id-dritt reali temporanju ieħor, jekk ikun hemm, imnaqqas b'wieħed fil-mija għal kull sena li tkun għaddiet mindu saret il-konċessjoni jew mindu ġie trasferit dak it-titolu, miżjud bl-ammont illi jirriżulta wara li ċ-ċens pagabbli kull sena jiġi kapitalizzat bir-rata ta' tmienja fil-mija;

"enfitewsi" tinkludi sub-enfitewsi;

"imgħax" tfisser imgħax sempliċi.

(*b*) fil-każ ta' bdil minn pussess u użu f'xiri assolut somma li tasal għaliha billi tiġi kapitalizzata bir-rata ta' wieħed fil-mija tal-kera ta' akkwist fis-sena li tkun dovuta taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza;

(*ċ*) fil-kaz ta' bdil minn dominju pubbliku f'xiri assolut somma li tasal għaliha billi tiġi kapitalizzata bir-rata ta' wieħed punt erbgħa fil-mija tal-kera ta' għarfien fis-sena li tkun dovuta taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Kap. 358.

(12) Proprjetà regolata mill-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, għandha minkejja kull disposizzjoni ta' din l-Ordinanza tkompli tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att, u l-proċeduri u l-kriterji hemm fih stabbiliti sabiex jiġi determinat x'ikun il-kumpens u l-ħlas tiegħu għandu jkun japplika skond dan.

Kif inhu kostitwit il-Bord u ħatra ta' lista.
*Emendat:*
*III. 1936.2;*
*XLV. 1946.12;*
*XXXIII. 1971.2;*
*IV. 1975.2;*
*A.L. 148 tal-1975;*
*XVII. 1979.2.*
*Sostitwit:*
*XIX. 1993.2.*
*Emendat:*
*XXI. 2009.7.*

**23.** (1) Għandu jkun hemm Bord li jkun magħruf bħala Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet.

(2) Il-Bord ikun magħmul minn *chairman* li jinħatar mill-President ta' Malta. Iċ-*chairman* ikun persuna li jkollha jew kellha l-kariga ta' mħallef jew persuna li jkollha l-kariga ta' maġistrat.

(3) Il-President ta' Malta jista' jaħtar diversi mħallfin jew maġistrati biex joqogħdu fil-Bord, iżda għandu joqgħod imħallef jew maġistrat wieħed biss f'kull każ partikolari.

Kap. 44.

(4) Il-President ta' Malta għandu jaħtar ukoll lista ta' Arkitetti u Inġinieri Ċivili sabiex jassistu l-Bord fil-valutazzjoni tal-art u f'affarijiet tekniċi oħra. L-imsemmija lista ta' Arkitetti u Inġinieri Ċivili għandhom jiġu maħtura minn fost persuni li jkollhom il-*warrant* biex jaħdmu ta' Arkitett u Inġinier Ċivili skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Arkitetti u jkunu ilhom fil-

prattika ta' dik il-professjoni għal mhux inqas minn seba' snin.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 733, 734, 735, 737 u 739 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom igħoddu għaċ-*chairman* u għall-membri li jinsabu fuq il-lista u kull eċċezjoni ta' rikuża kontra membru li jinsab fuq il-lista għandha tiġi deċiża miċ-*chairman* u d-deċiżjoni tiegħu mhix appellabbli. Kap. 12.

Ġurament li jittieħed miċ-*chairman* u membri li jinsabu fil-lista.
*Sostitwit: XVII. 1979.3; XIX. 1993.2.*
*Emendat: XXI. 2009.8.*

**24.** (1) Meta ċ-*chairman* ikun persuna li kellha l-kariga ta' mħallef iżda li ma għadhiex tokkupa dik il-kariga, huwa għandu jieħu quddiem l-Avukat Ġenerali ġurament li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt din l-Ordinanza bil-ħaqq u skond il-liġi.

(2) Il-membri li jinsabu fuq il-lista ma għandhomx jibdew iwettqu d-dmirijiet tagħhom sakemm ma jkunux ħadu ġurament quddiem iċ-*chairman* li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom taħt din l-Ordinanza bil-ħaqq u skond il-liġi.

(3) Il-membri tal-lista jistgħu jinħatru għal żmien tliet snin u jistgħu jerġgħu jinħatru mill-ġdid.

Setgħat tal-Bord.
*Emendat: XXXI. 1947.11; XIX. 1993.2 XXIV. 1995.360; XVII. 2004.4; XXI. 2009.9.*

**25.** (1) Il-Bord jista' -

(*a*) jordna illi jingħata pussess minnufih ta' art lill-awtorità kompetenti;

(*b*) jordna t-trasferiment ta' art lill-awtorità kompetenti bi proprjetà assoluta jew b'dominju pubbliku;

(*ċ*) jordna li art tiġi mqiegħda taħt servitù;

(*d*) jordna t-tmiem ta' kiri;

(*e*) jiffissa l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza u għal dan l-iskop jiddikjara jekk area hix art tajba għall-bini jew hix raba' inkella moxa;

(*f*) jordna l-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu:

Iżda l-ammont ta' kumpens li jiġi determinat mill-Bord skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*e*) m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet.

(2) (*a*) Il-Bord għandu l-istess setgħat illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha skond il-liġi, u, mingħajr ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu, sa fejn jistgħu jgħoddu, għall-Bord. Kap. 12.

(*b*) L-atti kollha joħorġu fl-isem tal-Bord u jkunu iffirmati miċ-*chairman*.

(*ċ*) Iċ-*chairman* jiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà ta' provi, il-kompetenza ta' xhieda u dwar kwistjonijiet oħra ta' proċedura.

(*d*) Ir-Reġistratur tal-Qrati, jew persuna oħra maħtura minnu, hu r-reġistratur tal-Bord, u l-atti kollha mressqin quddiem il-Bord jinżammu fir-Reġistru tal-

Qrati Superjuri li għandu jkun ir-reġistru tal-Bord.

Kap. 12. (*e*) L-atti kollha għandhom jiġu ppreżentati, maħruġin u nnotifikati skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, mingħajr ħsara tar-regolamenti li jiġu magħmulin taħt din l-Ordinanza.

(3) Kull meta jkun hemm kwistjoni quddiem il-Bord li tkun teħtieġ l-istima ta' xi art jew kull fehma teknika oħra dwar każ li jkun qed jittratta l-Bord, iċ-*chairman* għandu jassenja tnejn mill-membri li jinsabu fuq il-lista sabiex jeżaminaw l-art relattiva, jew sabiex jaraw dak il-parti tal-proċess li jkollha x'taqsam mal-kwistjoni li dwarha tinħtieġ il-fehma teknika; u dawk iż-żewġ membri għandhom jippreżentaw ir-rapport tagħhom liċ-*chairman* waqt is-seduta jew jippreżentaw dak ir-rapport fir-Reġistru tal-Bord hekk kif iċ-*chairman* jista' jordna. Ir-rapport għandu jkun aċċessibbli għall-partijiet li għandhom jingħataw l-opportunità li jressqu mistoqsijiet bil-miktub dwaru lill-membri tal-lista u li jikkumentaw fuqu lill-Bord:

Iżda l-partijiet, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom illi waqt l-istadju tal-provi iressqu x-xhieda ta' esperti *ex parte*, ma jkollhomx id-dritt li jitolbu l-ħatra ta' periti addizzjonali.

(3A) Meta r-rapport imsemmi fis-subartikolu (3) ikun jikkonsisti f'valutazzjoni, ir-rapport għandu jsemmi:

(*a*) id-data tal-valutazzjoni;

(*b*) id-data li saret riferenza għaliha meta ġiet valutata l-proprjetà;

(*ċ*) l-istat li jiġi kkalkulat li l-proprjetà kienet fih fid-data li saret riferenza għaliha meta ġiet valutata l-proprjetà;

(*d*) l-użu li kien qed isir mill-proprjetà fid-data li saret riferenza għaliha meta ġiet valutata l-proprjetà, inkluża l-informazzjoni dwar jekk il-proprjetà kenitx fl-istess żmien suġġetta għal drittijiet ta' terzi bħal ma huma enfitewsi, użu, użufrutt jew kera;

(*e*) l-operazzjonijiet paragunabbli, jekk ikun hemm, li l-proprjetà tkun ġiet valutata b'riferenza għalihom.

Il-membri tal-lista għandhom jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex jivvalutaw il-proprjetà fuq bażi ta' riferenza għal operazzjonijiet paragunabbli.

(4) Iċ-*chairman* jista' wkoll jeħtieġ il-membri li jinsabu fuq il-lista li jiġu assenjati għal xi każ li jattendu għas-seduta tal-Bord meta dak il-każ ikun qiegħed jinstema' mill-Bord kif huwa jqis xieraq jew jekk l-imsemmija membri jeħtieġu tagħrif iktar mill-partijiet jew jeħtieġu jinstemgħu xi xhieda partikolari.

(5) Iċ-*Chairman* għandu jiddeċiedi l-kwistjoni huwa stess wara li jkun ikkunsidra b'mod xieraq ir-rapporti taż-żewġ membri tal-lista u kull att ieħor rilevanti ppreżentat jew sottomissjonijiet magħmula.

(6) Il-partijiet għandhom jinstemgħu f'jum li jiġi stabbilit mill-

Bord.

(7) Ikun hemm appell mid-deċiżjoni tal-Bord fuq kwalunkwe waħda mill-materji hawn fuq imsemmija. L-appell li jsir permezz ta' rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell għandu jsir fi żmien għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord u l-appellant ikollu għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord u l-appellat ikollu għoxrin jum mid-data li jiġi notifikat bl-imsemmi rikors biex jippreżenta r-risposta. Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar appelli, appelli inċidentali u r-regolamentazzjoni tal-proċeduri fil-Qorti ta' l-Appell għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull appell magħmul skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.

Kap. 12.

Il-kwistjonijiet jiġu deċiżi miċ-*chairman*, bħala mħallef.
*Emendat:*
*A.L. 148 ta' l-1975;*
*XXXIII. 1979.3;*
*A.L. 181 ta' l-2006.*

**26.** Meta, matul il-proċedimenti quddiem il-Bord, tinqala' xi kwistjoni li mhijiex inkluża taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25, il-Bord għandu jirriserva li dik il-kwistjoni tiġi deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u għandu jistabbilixxi żmien għall-parti li tqajjem dik il-kwistjoni li fih tressaqha b'rikors ġuramentat quddiem l-imsemmija qorti; il-Bord għandu mbagħad jaġġorna l-proċedimenti sakemm tingħata deċiżjoni finali fuqha mill-Qorti Ċivili jew sakemm igħaddi l-imsemmi żmien, liema minnhom ikun l-aktar kmieni:

Iżda, jekk il-parti li tqajjem dik il-kwistjoni quddiem il-Bord ma ġġibx l-azzjoni relattiva kif intqal qabel quddiem il-Qorti Ċivili, il-parti l-oħra tkun tista' ġġib l-azzjoni bl-istess mod kif intqal hawn qabel, u f'dan il-każ il-proċedimenti quddiem il-Bord ma jitkomplewx qabel ma tingħata d-deċiżjoni finali tal-Qorti Ċivili:

Iżda wkoll -

(*a*) ir-riserva ta' punt ta' liġi jew ta' fatt mhix ta' impediment għall-awtorità kompetenti biex tieħu pussess ta' art fiż-żmien iffissat mill-Bord;

(*b*) l-awtorità kompetenti mhix obbligata tidħol fi kwistjoni li tinqala' bejn il-komproprjetarji; u l-awtorità kompetenti ma tbati ebda spiża żejda li ssir minħabba t-tqassim tal-kumpens bejn il-partijiet interessati f'dik l-art.

Likwidazzjoni tal-kumpens mill-Bord.
*Emendat:*
*XLV. 1946.13;*
*XXXI. 1947.12;*
*XXXI. 1966.2;*
*LVIII. 1974.68;*
*XIX. 1993.2;*
*XI. 2002.7;*
*A.L. 408 tal-2007;*
*XXI. 2009.10.*

**27.** (1) Mingħajr ħsara ta' disposizzjonijiet speċjali ta' din l-Ordinanza, il-Bord, meta jiġi biex jiffissa l-kumpens, għandu josserva dawn ir-regoli:

(*a*) ebda żjieda m'għandha tingħata minħabba illi l-akkwist ikun obbligatorju;

(*b*) il-valur ta' l-art, minbarra kif jingħad hawnhekk iżjed 'il quddiem, għandu jittieħed li hu l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament:

Iżda -

(i) il-valur ta' l-art huwa l-valur illi jkollha l-art fiż-żmien tan-notifika tad-Dikjarazzjoni mill-

President, u mingħajr ma jittieħed qies ta' benefikati jew xogħlijiet magħmulin jew mibnija wara fuq l-art hawn imsemmija u meta l-art kienet fil-pussess ta' l-awtorità kompetenti minnufih qabel in-notifika tad-Dikjarazzjoni mill-President ebda qies ma jittieħed, fl-iffissar tal-valur ta' l-art, ta' benefikati jew xogħlijiet magħmulin jew mibnija mill-awtorità kompetenti waqt li kellha l-pussess ta' l-art;

(ii) meta biċċa biss mill-art ta' persuna tiġi meħuda taħt din l-Ordinanza, jittieħed qies taż-żjieda li ssir fil-valur ta' l-art li tifdal, minħabba l-viċinanza ta' miljoramenti jew ta' xogħlijiet li jkunu ġew magħmulin jew mibnijin mill-awtorità kompetenti fit-tmintax-il xahar ta' qabel il-publikazzjoni tad-Dikjarazzjoni mill-President jew illi jkunu sejrin isiru jew jiġu mibnija mill-awtorità kompetenti fit-tmintax-il xahar ta' wara l-publikazzjoni tad-Dikjarazzjoni mill-President;

(iii) għandu jittieħed qies tal-ħsara, jekk ikun hemm, illi jbati s-sid minħabba l-firda ta' l-art minn art oħra tiegħu jew ta' kull ħaġa li tgħarraq dik l-art l-oħra minħabba l-eżerċizzju tas-setgħat mogħtijin b'din l-Ordinanza;

(iv) meta tkun saret ħsara minħabba xogħlijiet li jkunu saru f'xi art jew fuqha, għandu jittieħed qies taż-żjieda fil-valur ta' l-art minħabba li d-drenaġġ ikun ġie magħmul aħjar u minħabba xi vantaġġ ieħor li jkunu ġiebu dawk ix-xogħlijiet;

(v) il-kumpens fir-rigward ta' bini storiku għandu jiġi stmat skont l-artikolu 22(11)(*aa*).

(2) Meta l-kumpens li għandu jkun iffissat ikun għall-pussess u użu biss ta' fond belti qadim u mhux ukoll għall-proprjetà tiegħu, l-ammont ta' kera ta' l-akkwist fis-sena għandu jkun iffissat bil-kera fis-sena tal-fond kif jidher fil-kotba ta' l-Uffiċċju għall-Valutazzjoni ta' l-Artijiet.

(3) Iżda, meta -

(*a*) il-kera xieraq ta' dar qadima bħala mikrija bla għamara jkun ġie ffissat mill-Bord li jirregola l-Kera taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza li Trażżan il-Kera fuq id-Djar; jew

Kap. 116.

(*b*) il-kera ta' fond belti qadim mikri bla għamara b'kera ta' mhux iżjed minn tlieta u disgħin euro u sbatax-il ċenteżmu (93.17) fis-sena kien, wara l-31 ta' Marzu, 1939, iffissat mill-Bord li jirregola l-Kera taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, fuq li kkunsidra r-rapporti taż-żewġ membri li jinsabu fuq il-lista li jkunu ġew assenjati dak il-każ minn dak il-Bord jew ir-rapport tal-membri tekniċi ta' dak il-Bord, skond il-każ, wara li dawn

Kap. 69.

ikunu spezzjonaw il-bini; jew

(*ċ*) il-kera ta' dar qadima mikrija bla għamara b'kera ta' iżjed minn tlieta u disgħin euro u sbatax-il ċenteżmu (93.17), imma ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), fis-sena jew ta' ħanut qadim (fuq it-tifsira ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini) mikri bla għamara b'kera ta' iżjed minn tlieta u disgħin euro u sbatax-il ċenteżmu (93.17) fis-sena ġie mgħolli, f'xi żmien bejn l-ewwel ta' April, 1939, u l-11 ta' Ġunju, 1940, bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14(2) ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini; jew Kap. 69.

(*d*) il-kera ta' dar qadima mikrija bla għamara b'kera ta' iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) fis-sena ġie mgħolli f'xi żmien bejn l-ewwel ta' April, 1939, u l-11 ta' Ġunju, 1940,

il-kera fis-sena hekk iffissat, jew miftiehem bejn il-partijiet, ikun l-istima tal-kera ta' akkwist li jistħoqq dwar il-pussess u użu tal-fond belti qadim fil-kwistjoni.

(4) Meta jkunu ngħataw żewġ deċiżjonijiet jew iżjed dwar l-istess bini mill-Bord li jirregola l-Kera (msemmi fis-subartikolu (3)) l-istima magħmula bl-aħħar deċiżjoni għandha tkun l-istima tal-kera ta' akkwist jekk dik id-deċiżjoni kienet ingħatat wara spezzjon tal-bini miż-żewġ membri li jinsabu fuq il-lista li jkunu ġew assenjati dak il-każ minn dak il-Bord, jew mill-membri tekniċi ta' dak il-Bord, skond il-każ, u fuq li kkunsidra r-rapport tagħhom.

(5) Meta deċiżjoni tkun ingħatat mill-Bord li jirregola l-Kera wara li jkun għola l-kera kif imsemmi fis-subartikolu (3)(*d*) l-kera iffissat minn dak il-Bord għandu jkun l-istima ta' l-ammont tal-kera ta' akkwist, jekk dik id-deċiżjoni kienet ingħatat wara spezzjon tal-bini miż-żewġ membri li jinsabu fuq il-lista li jkunu ġew assenjati dak il-każ minn dak il-Bord, jew mill-membri tekniċi ta' dak il-Bord, skond il-każ, u fuq li kkunsidra r-rapport tagħhom.

(6) Meta l-kera fis-sena ta' fond belti qadim ma kienx iffissat mill-Bord li jirregola l-Kera kif jingħad fis-subartikolu (3), (4) u (5), u l-awtorità kompetenti jew is-sid jipprova illi l-kera medju fis-sena tal-bini, matul il-ħames snin mill-ewwel ta' April, 1934, sal-31 ta' Marzu, 1939, ma kienx bħal dak li jidher fil-kotba ta' l-Uffiċċju għall-Valutazzjoni ta' l-Artijiet, dak il-kera medju fis-sena għandu jkun l-istima ta' l-ammont tal-kera ta' akkwist minflok il-kera kif jidher fil-kotba ta' l-Uffiċċju għall-Valutazzjoni ta' l-Artijiet.

(7) Għall-għanijiet ta' din l-Ordinanza, kull deċizjoni dwar xi sehem li huwa fl-użu ta' fond belti bil-ħsara, jew biċċa minnu mġarffa, b'ħidma ta' l-għadu jew kontra l-għadu, li l-Bord li jirregola l-Kera jista' jkun ta billi kkunsidra dik il-ħsara jew dak it-tiġrif parzjali, titqies li ma tgħoddx.

(8) Il-kera ta' akkwist li għandu jkun iffissat dwar il-pussess u użu ta' fond belti ġdid għandu jkun daqs il-kera fis-sena iffissat mill-Bord xieraq bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza li Kap. 116.

Trażżan il-Kera fuq id-Djar, jew, jekk ma jkunx hemm deċiżjoni bħal dik, mill-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet skond ir-regoli li jinsabu fl-imsemmija Ordinanza li Trażżan il-Kera fuq id-Djar, li għoddu għall-iffissar tal-kera fis-sena ta' fond belti ġdid.

(9) L-ammont tal-kera ta' akkwist dwar l-akkwist tal-pussess u użu ta' artijiet għall-bini li ma jkunux fondi beltin, ta' raba', jew ta' artijiet moxa jkun iffissat fuq l-istima tal-valur tal-kera fis-sena tagħhom kif kien fil-31 ta' Marzu, 1939.

(10) Għall-għanijiet ta' l-istima ta' kera ta' akkwist bis-saħħa tas-subartikolu (9), art titqies bħala raba', art għall-bini jew moxa, kif kienet fil-31 ta' Marzu, 1939, u ma jitqiesx dak li ġara u li minħabba fih in-natura jew il-valur ta' dik l-art setgħu tbiddlu mill-31 ta' Marzu, 1939, 'il quddiem, iżda d-disposizzjonijiet li jinsabu fis-subartikolu (12) jkunu jgħoddu għal dawk iż-żidiet fil-bini li jkunu saru fuq l-art bejn l-ewwel ta' April, 1939, u t-28 ta' Novembru, 1946.

(11) Għall-għanijiet tas-subartikolu (9), il-valur tal-kera fis-sena ta' art għal bini jfisser iċ-ċens fis-sena fuq stima, li bih l-art setgħet raġonevolment ingħatat, fil-31 ta' Marzu, 1939, b'enfitewsi perpetwa; u l-valur tal-kera fis-sena ta' art moxa jfisser iċ-ċens fis-sena fuq stima, li bih dik l-art setgħet raġonevolment ingħatat, fil-31 ta' Marzu, 1939, b'enfitewsi għal disgħa u disgħin sena bil-ftehim li ċ-ċenswalist għandu jtejjeb l-art għal għanijiet tal-biedja.

(12) Fil-każ ta' tibdil fil-bini jew żidiet ta' bini magħmulin fuq l-art bejn l-ewwel ta' April, 1939, u l-jum tad-dikjarazzjoni magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3, il-kera ta' akkwist kif iffissat fis-subartikoli ta' qabel dan, - li ma jkunx kera iffissat jew rivedut qabel mill-Uffiċjal għall-Valutazzjoni ta' l-Artijiet jew iffissat qabel mill-Bord li jirregola l-Kera wara li t-tibdil jew żidiet kienu saru - għandu jkun rivedut mill-awtorità kompetenti u s-sid, u, jekk ma jaslux għal ftehim, mill-Bord meta l-kwistjoni titressaq quddiemu minn wieħed jew mill-ieħor.

(13) Il-kumpens dwar l-akkwist ta' xi art b'dominju pubbliku għandu jkun daqs il-kera ta' akkwist li dwarha jistħoqq skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fis-subartikoli (2) sa (12), kollha magħdudin, ta' dan l-artikolu, biż-żieda (*a*) ta' l-erbgħin fil-mija (40%) fil-każ ta' bini belti qadim u (*b*) ta' l-għoxrin fil-mija (20%) fil-każ ta' raba'.

(14) L-ewwel ħlas ta' kera ta' akkwist dwar art li l-pussess u użu tagħha jkunu akkwistati għal għan pubbliku jkun jistħoqq mill-ġurnata li fiha l-awtorità kompetenti jakkwista l-pussess ta' dik l-art.

(15) Il-kera ta' akkwist li jistħoqq li jitħallas mill-Gvern ta' Malta ikun piż fuq il-Fond Konsolidat mingħajr ma ssir ebda approprjazzjoni għajr din l-Ordinanza.

(16) Il-kera ta' akkwist għandu jkun iffissat fuq bażi ta' sena, iżda għandu jitħallas kull sitt xhur bil-quddiem:

Iżda l-awtorità kompetenti, kif jagħżel hu, jista', f'kull żmien iħallas ammont għal anqas minn sitt xhur dwar xi biċċa jew

iżjed minn biċċa art sabiex jirregola l-ġranet li fihom il-ħlas dwarhom għandu jsir wara.

(17) Il-kera ta' għarfien li jistħoqq li jitħallas mill-Gvern ta' Malta ikun piż fuq il-Fond Konsolidat mingħajr ma ssir ebda approprjazzjoni għajr din l-Ordinanza.

(18) Id-disposizzjonijiet dwar il-kera ta' akkwist li jinsabu fis-subartikoli (14) u (16) jkunu jgħoddu *mutatis mutandis* għal kera ta' għarfien.

(19) Minbarra l-kera ta' akkwist jew, kif jaħbat, il-kera ta' għarfien li jkun iffissat skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, l-awtorità kompetenti, fiċ-ċirkostanzi msemmijin hawn taħt, imma mhux xort'oħra, għandha tħallas b'żieda għal darba biss lill-bniedem li mingħandu tkun akkwistat obbligatorjament il-pussess ta l-art, somma li ż-żewġ partijiet jiftehmu fuqha, jew, jekk ma jiftehmux, li tkun iffissata mill-Bord, u f'kull każ fl-ewwel lok l-ammont li l-awtorità kompetenti tkun qed toffri għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu għandu jkun inkluż fid-Dikjarazzjoni mill-President flimkien mad-dikjarazzjoni dwar l-ammont ta' kumpens imsemmi fl-artikolu 22(2). Din is-somma b'żieda ma tkunx tistħoqq li titħallas ħlief -

(*a*) lill-pussessur tal-ħwejjeġ illi, fil-jum tad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 3, kienu *bona fide* jservu għat-tagħmir tad-dar akkwistata mill-awtorità kompetenti u kemm-il darba d-disposizzjonijiet li jinsabu fil-artikolu 20(2), (3) u (4) ma jkunux jgħoddu, u f'dak il-każ il-ħlas b'żieda jkun daqs in-nefqa xierqa għall-ġarr ta' dak it-tagħmir lejn id-dar jew maħżen li jkunu ġew magħżula kif jixraq mill-istess pussessur; u

(*b*) lid-detentur ta' stabbiliment *bona fide* tan-negozju akkwistat mill-awtorità kompetenti u kemm-il darba d-disposizzjonijiet li jinsabu fl-artikolu 20 ma jkunux jgħoddu, u f'dak il-każ il-ħlas b'żieda jkun daqs is-siwi ta' l-avvjament ta' l-istess stabbiliment magħdud fuq mhux iżjed mill-qligħ nett magħmul f'dak l-istabbiliment mill-istess detentur matul is-sentejn li jagħlqu fil-jum tad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 3 jekk f'dak il-jum l-istess detentur ikun ilu fil-pussess ta' dak il-fond għal mhux anqas minn tletin xahar, jew jekk ma jkunx ilu fil-pussess ta' dak il-fond għal mill-inqas tietin xahar, fuq il-qligħ nett li x'aktarx jittieħed f'dak l-istabbiliment mill-istess detentur matul mhux iżjed minn sentejn li jibdew ma' l-għeluq ta' sitt xhur mill-jum li fih dak id-detentur l-ewwel beda n-negozju f'dak l-istabbiliment:

Iżda jekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20(2), (3) u (4) ikunu jgħoddu dwar id-detentur ta' stabbiliment *bona fide* tan-negozju, il-kumpens b'żieda li jistħoqq li jitħallas ma għandux jisboq l-ammont maħsub fis-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu jew l-ammont maħsub fil-paragrafu (*b*), liema fosthom ikun l-ogħla.

Kumpens għal art bi ħsara bil-ħidma tal-għadu.
*Miżjud:*
*XXXI. 1947.13.*
*Emendat:*
*LVIII. 1974.68;*
*XLIX. 1981.6.*

**28.** (1) Meta l-art tkun ġratilha ħsara b'egħmil il-għadu jew ta' kontra l-għadu u sidha għalhekk kien ikollu jedd jew seta' kellu jedd għal kumpens bis-saħħa ta' l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra* il-kumpens li jistħoqq skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza dwar l-akkwist obbligatorju tal-proprjetà assoluta jew tad-dominju pubbliku ta' l-art jew dwar il-bdil f'wieħed jew l-ieħor minn dawk it-titoli tal-pussess u użu jew tad-dominju pubbliku ta' l-art li kienet minn qabel miżmuma mill-awtorità kompetenti għandu, meta dak il-kumpens ikun iffissat b'riferenza għall-valur ta' l-art bla ħsara, jitqies li hemm magħdud fih il-ħlas sħiħ meħtieġ għaċ-ċessjoni mis-sid lill-awtoritità kompetenti ta' kull jedd li s-sid għandu taħt l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra* hawn qabel imsemmija, sal-jum li fih l-awtorità kompetenti tieħu pussess ta' l-art. F'kull każ dik iċ-ċessjoni kif imsemmi hawn qabel għandha titqies li hi sehem integrali ta' kull akkwist obbligatorju.

(2) Fil-każ ta' art hekk bil-ħsara, iżda, l-awtorità kompetenti jkollha jedd li tnaqqas minn kull kumpens li jistħoqq li jitħallas bis-saħħa ta' din l-Ordinanza -

(*a*) kull fdal li jkun għadu mhux mistħoqq, jekk ikun hemm, tal-għaxar kontribuzzjonijiet diretti li jitħallsu waħda kull sitt xhur fuq dik l-art taħt l-imsemmija Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra# u dawk fost l-imsemmijin kontribuzzjonijiet li jkunu għalqu u li s-sid ikun baqa' lura fil-ħlas tagħhom;

(*b*) kull somma jew somom li jkunu ġew mogħtija akkont mill-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra lis-sid meta x-xogħlijiet, fil-jum tad-dikjarazzjoni magħmula mill-President ta' Malta taħt l-artikolu 3, ma jkunux saru, jew, meta sehem biss mix-xogħlijiet ikun laħaq sar sa dakinhar, sehem proporzjonat tas-somma jew somom hekk mogħtija akkont.

(3) Meta s-sid ta' xi art li għaliha d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jkunu jgħoddu juri sewwa illi li ma kienx għal dawn id-disposizzjonijiet huwa kien ikollu l-jedd għal ħlas ta' l-imgħax fuq ħlas ta' valur mill-Kummissjoni dwar il-Ħsarat tal-Gwerra, l-awtorità kompetenti jkollha tħallas lilu somma daqs l-ammont tal-kera ta' akkwist illi kien ikun jistħoqqlu taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 27 li kieku l-art kienet ġiet akkwistata obbligatorjament għal pussess u użu temporanju fid-data li fiha dak l-imgħax kien kieku jibda jkun mistħoqq u jissokta sad-data li fiha l-art kienet tabilħaqq ġiet akkwistata.

(4) Jekk f'xi każ li għalih igħoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) s-sid matul iż-żmien li għandu x'jaqsam ikun daħħal kera mingħand kerrej li kien kerrej fil-bidu ta' l-imsemmi żmien, is-somma li tkun tistħoqq lis-sid minflok l-imgħax titnaqqas bl-ammont tal-kera hekk imdaħħal matul l-imsemmi żmien u d-differenza għandha titħallas lill-kerrej.

---

*Imħassra bl-Att XXIX ta' l-1980.
#Imħassra bl-Att XXIX ta' l-1980.

Jedd ta' *clearance*. *Emendat: V. 1949. 4, 5, 6, 7, 8, 9,10; III. 2004.152; A.L. 408 ta' l-2007.*

**29.** (1) Meta għal skop pubbliku art tiġi ddikjarata suġġetta għall-jedd ta' *clearance*, ebda sid ma jista' jibni jew itella' kostruzzjonijiet fuq art iddikjarata illi hija hekk suġġetta jew iżid il-għoli ta' kostruzzjonijiet li jkunu ġa jeżistu mingħajr il-permess tal-Bord.

(2) Meta għal xi skop pubbliku art tiġi ddikjarata suġġetta għall-jeddijiet ta' taħt wiċċ l-art, ebda sid ma jista' jagħmel xogħol jew taħfir ġdid taħt l-art jew ikabbar xogħol jew taħfir li jkun ġa jeżisti mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord.

(3) Meta għal skop pubbliku art tiġi ddikjarata suġġetta għall-jedd ta' *clearance*, jew jedd ta' taħt wiċċ l-art ebda kumpens ma jiġi mħallas minħabba biss illi l-art tkun ġiet issuġġettata għal dan il-jedd, jew għall-pussess, minn awtorità kompetenti, ta' xogħol jew taħfir taħt l-art magħmul minn awtorità kompetenti, iżda jgħoddu d-disposozzjonijiet li ġejjin.

(4) It-talba għall-permess imsemmi fis-subartikolu (1) u fis-subartikolu (2) għandha ssir bil-preżentat ta' rikors flimkien ma' pjanta li turi l-bini jew kostruzzjonijiet oħra li sejrin isiru u x-xogħlijiet jew taħfir li sejrin isiru. Il-Bord għandu jordna minnufih li r-rikors jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.

(5) Jekk l-awtorità kompetenti ma tikkontestax ir-rikors fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata wara n-notifika tiegħu lill-awtorità kompetenti, ir-rikors jiġi milqugħ mill-Bord.

(6) Jekk l-awtorità kompetenti tikkontesta l-għoti tal-permess, il-Bord, fuq rikors tal-persuna li titlob dak il-permess, jiffissa l-kumpens li għandu jitħallas minħabba r-rifjut ta' l-awtorità kompetenti li tħalli jsiru l-bini jew kostruzzjonijiet oħra jew ix-xogħol jew it-taħfir taħt l-art li għalihom issir it-talba. Meta kumpens jitħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Bord għandu jsemmi l-lok illi għalih il-kumpens ikun ġie mogħti, u f'dan il-każ ebda kumpens ieħor f'ebda żmien wara ma jkun imiss jitħallas għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art, skond il-każ li jkun, għal dak il-lok, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-aħħar parti tas-subartikolu (9).

(7) Ebda kumpens ma jkollu jitħallas kemm-il darba ma jiġix ippruvat b'sodisfazzjon tal-Bord -

(*a*) illi l-proġett għall-bini jew biex jiżdied il-għoli ta' bini li ġa jeżisti jew biex isir xogħol jew taħfir taħt l-art ġdid jew jitkabbar xogħol jew taħfir taħt l-art li ġa jeżisti huwa tassew ħaġa li bi ħsiebu jagħmel is-sid;

(*b*) illi m'hemm ebda proġett ieħor li, mingħajr ma ikun ta' ħsara għas-sid, jista' jiġi aċċettat mill-awtorità kompetenti.

(8) Meta art tkun ġiet dikjarata suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art, kull min jagħmel, jibni jew itella' xi kostruzzjoni jew iżid il-għoli ta' xi kostruzzjoni fuq l-art jew jagħmel xogħol jew taħfir ġdid taħt l-art jew ikabbar xogħol jew taħfir taħt l-art mingħajr ma jkun qabel ħa l-permess bil-miktub mill-awtorità kompetenti għandu, fi żmien għaxart ijiem minn mindu jiġi mogħti lilu bil-miktub avviż għaldaqshekk mill-awtorità

kompetenti -

(*a*) ineħħi l-kostruzzjoni hekk magħmula, mibnija jew imtella' jew dik il-biċċa kostruzzjoni miżjuda; u

(*b*) jimla x-xogħlijiet jew taħfir taħt l-art, ġodda jew miżjuda, u jerġa' jgib l-art kif kienet qabel ma sar ix-xogħol jew taħfir ġdid jew miżjud,

u fil-każ illi l-avviż ma jiġix obdut, l-awtorità kompetenti tkun tista' tordna li dik il-biċċa kostruzzjoni tiġi mneħħija jew dak ix-xogħol jew taħfir jiġi mimli u l-art tinġieb kif kienet qabel, bi spejjeż tal-persuna illi tkun tellgħet il-kostruzzjoni jew żiedet dik il-biċċa, jew għamlet dak ix-xogħol jew taħfir taħt l-art, ġdid jew miżjud, mingħajr ebda kumpens lilha u din l-ispiża tiġi rkuprata mingħandha bl-istess mod bħala multa u din il-persuna, jekk tinsab ħatja fuq daqshekk, tkun tista' teħel multa ta' mhux aktar minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) talli ma tkunx obdiet dak l-ordni.

(9) L-art suġġetta għall-jedd ta' *clearance* taħt dan l-artikolu tista' tiġi meħlusa minn dan il-jedd mill-awtorità kompetenti, kemm-il darba s-sid ikun irid jaċċetta l-ħelsien u jħallas lill-awtorità kompetenti dak il-kumpens ġust li jiġi miftiehem, jew, fin-nuqqas ta' ftehim, kif jiġi iffissat mill-Bord. Il-ħlas ta' kumpens għall-ħelsien mill-jedd ta' *clearance* jista' jintalab mill-awtorità kompetenti fil-każ biss li jkun ġie mħallas kumpens għas-suġġezzjoni ta' l-art għall-jedd ta' *clearance* skond dan l-artikolu. L-art meħlusa mill-jedd ta' *clearance* tista' tiġi mill-ġdid iddikjarata suġġetta għal dan il-jedd.

(10) Meta art tkun ġiet iddikjarata suġġetta għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art, l-awtorità kompetenti tkun tista' żżomm il-pussess ta' xogħol jew taħfir taħt l-art li jkun sar mill-awtorità kompetenti qabel ma jibda jseħħ dan is-subartikolu u tkun tista' tagħmel jew tkabbar hemmhekk xogħol jew taħfir taħt l-art u tużah għal dik il-ħaġa li jkun jidhrilha meħtieġa:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tieħu kull prekawzjoni xierqa biex tassigura illi l-bini u kostruzzjonijiet fuq wiċċ dik l-art ikunu salvi u jibqgħu sħaħ, kif ukoll kull bir, kantina u kostruzzjoni taħt l-art li jkunu wżati jew gawduti ma' l-okkupazzjoni ta' dan il-wiċċ ta' l-art - u fil-każ ta' ħsara lil dawn il-kostruzzjonijiet hija għandha jew issewwihom u ġġibhom kif kienu qabel jew tħallas kumpens lis-sid għat-telf li jkun ġarrab minħabba f'din il-ħsara, u l-ammont ta' dan il-kumpens, jekk il-partijiet ma jiftehmux bejniethom fuqu, jinġieb quddiem u jiġi iffissat mill-Bord.

(11) Meta art tkun giet dikjarata bħala soġġetta għal xi drittijiet favur il-Gvern bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Gvern jista' jittrasferixxi kull dritt bħal dak fuq dik l-art lil kull persuna:

Iżda l-eżerċizzju minn min ircieva t-trasferiment tad-dritt lilu hekk trasferit għandu jibqa' jiġi hekk eżerċitat għal skop pubbliku.

**30.** (1) Il-President ta' Malta jista' b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern jordna t-tbattil ta' lok fejn jista' jkun hemm perikolu tal-ħajja jew tal-persuna minħabba operazzjonijiet navali, militari jew ta' l-ajru, u sakemm dan l-ordni jkun iseħħ il-lok tal-perikolu u d-djar u l-bini kollu f'dak il-lok għandhom jiġu mbattlin mill-kerrejja jew detenturi u minn kull persuna oħra, u ebda responsabbiltà ma jkollhom l-awtoritajiet navali, militari jew ta' l-ajru għal xi ħsara fuq il-persuna li tista' ssir lil xi ħadd fil-lok tal-perikolu minħabba l-operazzjonijiet hawn fuq imsemmija. Kull min jibqa' fil-lok tal-perikolu sakemm ikun għadu jseħħ ordni bħal dan, jeħel, meta jinsab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati, piena ta' flus ta' mhux aktar minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66).

Jedd li jiġi ordnat it-tbattil provviżorju ta' art.
*Emendat:*
*LVIII. 1974.68;*
*XIII. 1983. 5;*
*VIII. 1990.3;*
*A.L. 408 ta' l-2007.*

(2) Għal tbattil provviżorju jitħallas kumpens lil kull min ikun bata telf jew spiża minħabba dak it-tbattil.

(3) Jekk il-kumpens li jmissu jitħallas taħt dan l-artikolu ma jiġix miftiehem bejn l-awtorità kompetenti u min jitolbu, l-ammont tal-kumpens jiġi iffissat mill-Bord bil-mod li jingħad f'din l-Ordinanza.

**31.** (1) Meta l-awtorità kompetenti tkun għamlet lil sid offerta bil-miktub ta' somma sew jekk jistħoqq li titħallas perjodikament jew bħala somma għal darba biss bħala kumpens u s-somma mogħtija mill-Bord lil dak is-sid ma tkunx iżjed mis-somma offerta, il-Bord jordna li s-sid ibati l-ispejjeż tiegħu u jħallas l-ispejjeż ta' l-awtorità kompetenti illi jkunu saru wara li tkun ġiet magħmula l-offerta.

Spejjeż.
*Emendat:*
*XXXI. 1947.14;*
*XI. 2002.7;*
*XVII. 2004.4.*

(2) Meta sid ma jaċċettax l-offerta ta' l-awtorità kompetenti u jvanta li l-ammont dovut bħala kumpens għandu jkun ogħla, u jindika dik is-somma, kemm jekk din titħallas perjodikament jew bħala somma f'daqqa, bħala kumpens, u jkun ikkonforma ruħu mad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 9 u 12, u s-somma mogħtija tkun iktar minn dik offruta mill-awtorità kompetenti, allura l-ispejjez għandhom jiġu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorità kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom għad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

(3) Meta l-Bord jordna lis-sid iħallas l-ispejjeż jew biċċa mill-ispejjeż ta' l-awtorità kompetenti, din tista' taqta' l-ammont li għandu hekk jitħallas mis-sid mill-ammont tal-kumpens li għandu jitħallas lilu.

**32.** (1) Ebda ħaġa f'din l-Ordinanza m'għandha tittieħed bħala li ġġiegħel lill-awtorità kompetenti tikkompleta l-akkwist ta' art ħlief jekk l-awtorità kompetenti tkun ħadet pussess ta' l-art jew jekk tkun naqset fi żmien xahar mid-deċiżjoni tal-Bord li tavża lill-Bord illi l-awtorità kompetenti mhix bi ħsiebha tgħaddi għall-akkwist:

L-awtorità kompetenti mhix obbligata tikkompleta l-akkwist ta' art.

Iżda s-sid ta' l-art għandu l-jedd jitlob mingħand l-awtorità kompetenti dawk l-ispejjeż kollha illi jkunu saru minnu minħabba jew bħala konsegwenza tal-proċedimenti għall-akkwist u kumpens għall-ħsara (jekk ikun hemm) illi huwa jkun bata minħabba jew bħala konsegwenza ta' l-avviż ta' l-akkwist li kien sejjer isir.

(2) L-ammont ta' dawn l-ispejjeż u kumpens, fin-nuqqas ta' ftehim, jiġi iffissat mill-Bord.

Effett ta' notifika ta' l-avviż. *Emendat: LVIII. 1974.68; XI. 2002.7; I. 2006.7.*

**33.** Il-fatt illi xi avviż ikun ġie nnotifikat lil persuna m'għandux jittieħed bħala ammissjoni ta' l-awtorità kompetenti illi l-persuna nnotifikata bl-avviż jew persuna oħra għandha proprjetà jew interess fl-art jew f'biċċa mill-art imsemmija fl-avviż, u mhux ta' xkiel għall-awtorità kompetenti illi tallega fi proċedimenti taħt din l-Ordinanza jew xort'oħra illi l-jeddijiet kollha fuq jew dwar din l-art huma tal-Gvern ta' Malta.

Pieni għal tfixkil. *Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.*

**34.** Kull min volontarjament ma jħallix jew ifixkel persuna awtorizzata regolarment, li tidħol jew tieħu pussess jew tuża art skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew jimmolesta, ma jħallix jew ifixkel lil din il-persuna, jeħel multa ta' mhux aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) jew il-priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.

Regolamenti. *Emendat: A.L. 4 ta' l-1963; XIX. 1993.2; VI. 2001.9.*

**35.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti, kif ukoll regolamenti dwar formuli, spejjeż, u drittijiet għall-esekuzzjoni ta' din l-Ordinanza; u jekk u sakemm ma jsirux disposizzjonijiet oħra taħt din l-Ordinanza, igħoddu l-formuli li hawn fl-Iskeda ma' din l-Ordinanza:

Iżda m'hemm ebda nullità jekk tiġi wżata formula oħra li sostanzjalment tkun bħall-formuli fl-Iskeda.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż jippreskrivi:

(*a*) d-drittijiet li jitħallsu lill-membri fuq il-Lista;

(*b*) d-drittijiet dovuti lill-avukati u lill-prokuraturi legali għal proċedimenti quddiem il-bord jew f'konnessjoni miegħu; u

(*ċ*) d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistru tal-bord:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk preskritti mill-Ministru taħt il-paragrafi (*b*) u (*ċ*), għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Riserva.

**36.** Ebda ħaġa f'din l-Ordinanza ma tmiss il-jeddijiet akkwistati minn awtorità kompetenti taħt l-Ordni fil-Kunsill tas-26 ta' Ottubru, 1896.*

Disposizzjonijiet transitorji

Artikolu 7(2) ta' l-Att XI ta' l-2002:#

"(*a*) Għar-rigward ta' art li tkun suġġetta għal dikjarazzjoni mill-President qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu+, jew art li qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu kienet ittieħdet mill-Gvern imma ma tkun

* Dan l-Ordni fil-Kunsill ġie maħruġ Malta bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 183 tad-19 ta' Novembru, 1896.

#"Iżda meta dwar xi art tkun inħarġet Dikjarazzjoni ġdida mill-President taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 7(2) imħassar b'dan l-artikolu dik id-Dikjarazzjoni għandha tkompli tkun regolata mid-disposizzjonijiet ta' l-istess subartikolu 7(2) daqslikieku ma kienx ġie mħassar b'dan l-artikolu".

+5 ta' Marzu 2003 - l-artikolu 7 ta' l-Att XI ta' l-2002 emenda l-artikoli 9, 12, 22, , 27, 31, 33 u l-Iskeda ta' din l-Ordinanza.

inħarġet ebda dikjarazzjoni mill-President għar-rigward tagħha qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandu jkun japplika l-artikolu 12(3) ta' l-Ordinanza kif emendat b'dan l-artikolu, b'dan li l-imgħax li jinsab hemm indikat għandu jibda għaddej mid-data minn meta l-Gvern jieħu pussess sad-data meta jitħallas il-kumpens għaliha jew dan jiġi depożitat skond il-każ:

Iżda l-imgħaxijiet kif hawn qabel imsemmija għandhom jiġu kkalkolati fuq il-valur ta' l-art fid-data tad-Dikjarazzjoni mill-President, jew inkella meta ma tkun inħarġet ebda Dikjarazzjoni bħal dik qabel ma dan l-artikolu jiġi fis-seħħ, fid-data ta' teħid ta' pussess mill-Gvern ta' l-art inkwistjoni.

(*b*) (i) Il-President jista' dwar kull art li tkun suġġetta għal Dikjarazzjoni maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu joħroġ Dikjarazzjoni ġdida fejn jiġi dikjarat x'ikun l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li tħallas għal dik l-art li d-dikjarazzjoni tkun tirreferi għaliha. Dik id-dikjarazzjoni ghandu jkollha flimkien magħha stima li ssir minn perit arkitett u meta jkun hemm disponibbli pjanta ta' l-art deskritta fid-Dikjarazzjoni:

Iżda meta tiġi maħruġa dik id-Dikjarazzjoni l-ġdida l-kumpens għandu jiġi stabbilit abbażi tal-valur ta' dik l-art fid-data meta jkun ġie notifikat xi avviż għall-ftehim dwar dik l-art, u fejn ebda avviż għall-ftehim ma jkun ġie hekk notifikat, fid-data tal-ħruġ tad-Dikjarazzjoni l-ġdida mill-President.

(ii) Għall-fini li jiġi stabbilit jekk l-art għandhiex tkun stmata bħala art għall-bini, raba' jew art rurali jew art moxa għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, id-data relevanti tkun id-data meta tkun ħarġet id-dikjarazzjoni oriġinali mill-President qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(iii) Kull Dikjarazzjoni ġdida maħruġa bis-saħħa ta' dan il-paragrafu għandha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, tkun meqjusa bħala Dikjarazzjoni maħruġa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza kif emendat b'dan l-artikolu, u għaliha għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3) sa (12) ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza kif hekk emendat.

(*ċ*) L-artikolu 31 ta' l-Ordinanza, kif emendat b'dan l-artikolu, għandu japplika għal proċedimenti dwar xi Dikjarazzjoni li tkun inħarġet ukoll qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.".

Disposizzjoni transitorja

Artikolu 4(2) ta' l-Att XVII ta' l-2004:

"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 25 u 31 kif emendati b'dan l-artikolu japplikaw għall-proċeduri kollha ukoll dawk dwar art li fuqha hemm Dikjarazzjoni maħruġa taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza li tkun ħarġet qabel ma jidħol fis-seħħ dan l-artikolu.".

Disposizzjoni transitorja

Artikolu 9 ta' l-Att I ta' l-2006:

"9. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att* għandhom japplikaw biss għal art li dwarha ssir dikjarazzjoni taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(2) (*a*) Il-President jista' dwar kull art li tkun suġġetta għal

*Jiġifieri, ta' l-Att I ta' l-2006, liema artikolu jissostitwixxi l-artikoli 17 u 18 ta' l-Ordinanza.

Dikjarazzjoni maħruġa qabel il-5 ta' Marzu 2003, joħroġ Dikjarazzjoni ġdida fejn jiġi dikjarat x'ikun l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li tħallas għal dik l-art li d-Dikjarazzjoni tkun tirreferi għaliha. Dik id-Dikjarazzjoni għandu jkollha flimkien magħha stima li ssir minn perit arkitett u meta jkun hemm disponibbli pjanta ta' l-art deskritta fid-Dikjarazzjoni:

Iżda meta tiġi maħruġa dik id-Dikjarazzjoni l-ġdida l-kumpens għandu jiġi stabbilit abbażi tal-valur ta' dik l-art fid-data meta jkun ġie notifikat xi avviż għall-ftehim dwar dik l-art, u fejn ebda avviż għall-ftehim ma jkun ġie hekk notifikat, skond il-valur ta' l-art kif ikun fl-1 ta' Jannar 2005.

(*b*) Għall-fini li jiġi stabbilit jekk l-art għandhiex tkun stmata bħala art għall-bini, raba' jew art rurali jew art moxa għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, id-data relevanti tkun id-data meta tkun ħarġet id-Dikjarazzjoni oriġinali mill-President, skond kriterji li jkunu stabbiliti bil-liġi li tkun fis-seħħ fiż-żmien meta tkun ħarġet id-Dikjarazzjoni oriġinali.

(*ċ*) Kull dikjarazzjoni ġdida maħruġa bis-saħħa ta' dan l-artikolu għandha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, tkun meqjusa bħala Dikjarazzjoni maħruġa taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali u għaliha għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu kif emendat b'dan l-Att.".

## SKEDA 1

*Emendata: XXXI. 1947.15; V. 1949.11; XI. 1962.3; XIV 1966.3; LVIII. 1974.68; XIII. 1983.5; XI. 2002.7. Sostitwita: A.L. 408 ta' l-2007.*

(Artikoli 3, 4, 8, 9, 12 u 35)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art imsemmija hawn taħt hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispozzijonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88)§ u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut / għall-pussess u użu tagħha għal żmien ta' snin / għall-pussess u użu tagħha għal dak iż-żmien illi l-bżonnijiet ta' l-iskop pubbliku jitolbu. / b'dominju pubbliku. / bl-imposizzjoni fuqha ta' servitù (*hawn għandha tissemma s-servitù li tkun se tiġi imposta*), jew jiġifieri sabiex tiġi eżaminata bil-ħsieb li għad tista' tiġi akkwistata.

Il-kera ta' kumpens / għarfien / kera ta' akkwist offrut hu ta' €______ / €_______ fis-sena skond l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett __________.

Jien niddikjara wkoll illi l-pussess ta' l-art hu meħtieġ mill-awtorità kompetenti fi żmien ijiem/jum mid-data illi fiha din id-Dikjarazzjoni tiġi innotifikata lis-sid jew sidien ta' l-art.

DESKRIZZJONI TA' L-ART

1.

2.

3.

§ Ħassar dak li ma jgħoddx għall-każ.

President

---

Notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u ta' Dettalji ta' l-Art.

Fil-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet.

Data ...................................

Lil *(hawn niżżel isem is-sid jew tas-sidien).*

A.B. fil-kariga tiegħu ta' Kummissarju ta' l-Artijiet, b'dan jinnotifikalek kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta (Dokument A) illi tiddikjara li l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku kif speċifikat fid-Dikjarazzjoni. L-art imsemmija fid-Dikjarazzjoni hija din li ġejja: *(hawn daħħal id-deskrizzjoni ta' l-art).*

---

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

BILLI bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa ipprovdut illi l-President ta' Malta jista' għal skopijiet pubbliċi jiddikjara illi art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art:

U BILLI hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-Iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal .......................... *

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'dan niddikjara illi l-proprjetà imsemmija fl-Iskeda imdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal ..............................*.

**SKEDA**

.........................................

.........................................

il-Palazz, il-Belt Valletta, illum ...................... 19.....

*Nota: żid hawnhekk -
"dritt ta' *clearance*"
"dritt ta' taħt wiċċ l-art" jew
"dritt ta' *clearance* jew ta' taħt wiċċ l-art"
skond il-każ.

---

*Miżjuda: I. 2006.8. Emendata: III. 2006.11.*

SKEDA 2

Artikolu 12(3)

$$\left[\frac{A + B}{2}\right] \quad X \quad \left[\frac{5}{100}\right] \quad X \quad \left[\frac{\dot{C}}{365}\right]$$

fejn "A" hu l-valur ta' l-art fil-mument li ttieħed il-pussess tagħha mill-awtorità kompetenti;

"B" hu l-valur ta' l-art fid-data meta t-titolu b'xiri assolut ta' l-art ġie trasferit lill-Gvern ta' Malta; u

"Ċ" hu n-numru ta' ġranet li għaddew bejn id-data ta' "A" u dik ta' "B".

---

*Miżjuda: III. 2006.12.*

SKEDA 3

Artikolu 12(3), it-tieni proviso

$$\left[\frac{P + Q}{2}\right] \quad X \quad \left[\frac{5}{100}\right] \quad X \quad \left[\frac{R}{365}\right]$$

fejn "P" hu l-valur ta' l-art iffissat fl-avviż għall-ftehim;

"Q" hu l-valur ta' l-art iffissat mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet; u

"R" hu n-numru ta' ġranet li għaddew bejn id-data tat-teħid tal-pussess ta' l-art mill-awtorità kompetenti, u d-data tat-trasferiment tat-titolu b'xiri assolut lill-Gvern ta' Malta.